MT 2015

Nru 02

Rapport Speċjali

# Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju: aktar sforzi huma meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna sabiex jilħqu l-objettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-2461-3 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/534601 | QJ-AB-15-006-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-2442-2 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/732796 | QJ-AB-15-006-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-2417-0 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/068019 | QJ-AB-15-006-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
replace EN with:

Għal kwalunkwe użu minn jew riproduzzjoni tal-Figura 1, għandu jintalab il-permess direttament lid-dentenur tad-drittijiet tal-awtur.

*Printed in Luxembourg*

MT 2015

Nru 02

Rapport Speċjali

# Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju: aktar sforzi huma meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna sabiex jilħqu l-objettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla II tal-Awditjar - immexxija mill-Membru tal-QEA s-Sur Henri Grethen - li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' politiki strutturali, trasport u enerġija. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA George Pufan; b'appoġġ minn Patrick Weldon, kap tal-kabinett; Mircea Radulescu, attaché tal-kabinett; Alain Vansilliette, kap tal-unità; Marion Colonerus, kap tat-tim; Zuzana Gullova, awditur; Attila Horvay-Kovacs, awditur; Jean-François Hynderick, awditur; Dana Moraru, awditur; Radka Papouskova, awditur; Tomasz Plebanowicz, awditur u Olivier Prigent, awditur



*Mix-xellug għal-lemin:* Mircea Radulescu, Alain Vansilliette, Olivier Prigent, George Pufan, Zuzana Gullova, Patrick Weldon, Attila Horvay-Kovacs u Tomasz Plebanowicz

# Werrej



Paragrafu

Glossarju

I–VII Sommarju eżekuttiv

1–11 Introduzzjoni

1–7 Sfond

8–11 Kofinanzjament mill-UE tal-infrastruttura relatata mal-ilma mormi

12–17 Ambitu u approċċ tal-awditjar

18–105 Osservazzjonijiet

18–33 Konformità mad-dati ta' skadenza tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

21–29 Ġeneralment, l-Istati Membri ssodisfaw id-dati ta' skadenza speċifikati fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi għall-ġbir iżda mhux għat-trattament tal-ilma mormi

30–31 Il-Kummissjoni għandha biss informazzjoni parzjali dwar is-sitwazzjoni f'agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p.

32–33 Il-Kummissjoni qed issegwi sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità fi tlieta mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara

34–44 Użu tal-fondi tal-UE disponibbli taħt il-perjodu tal-programm 2007–2013

36–41 Ma ntużax il-finanzjament kollu disponibbli taħt il-programmi operazzjonali 2007–2013

42–44 Fil-biċċa l-kbira, il-miri għal indikaturi tal-output u tar-riżultati ma ntlaħqux sa tmiem

45–88 Effettività tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

46–71 Prestazzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

72–88 Użu tal-ħama prodott minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

89–105 Sostenibbiltà finanzjarja tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

95–99 It-tariffi tal-ilma mormi imposti fuq l-utenti ppermettew irkupru sħiħ tal-ispejjeż fi 11 % biss tal-każijiet

100–101 It-tariffi tal-ilma mormi kienu taħt il-livell ta' affordabbiltà msemmi mill-Kummissjoni fi 92 % tal-każijiet fejn l-ispejjeż ġew biss parzjalment irkuprati

102–105 Riżervi finanzjarji insuffiċjenti biex jiżguraw it-tiġdid tal-infrastruttura

106–119 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Anness I — Ambjent tat-trattament tal-ilma urban mormi

Anness II — Lista ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati

Anness III — Dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

Ir-risposti tal-Kummissjoni

# Glossarju



**Agglomerazzjoni**: Żona fejn il-popolazzjoni u/jew l-attivitajiet ekonomiċi huma kkonċentrati biżżejjed biex l-ilma urban mormi jinġabar u jittieħed f'impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi jew f'punt ta' skarikar finali.

**Awtokontrolli**: F'dan ir-rapport, (i) kontrolli mwettqa regolarment minn operatur, fil-qafas tal-operat ta' kuljum ta' impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi, għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma mormi skarikat u l-kontenut tal-ħama u (ii) kontrolli mwettqa minn installazzjonijiet industrijali għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma mormi skarikat għal ġo netwerk pubbliku tad-drenaġġ.

**Baċin tax-xmara**: Żona ta' art li minnha l-iskol kollu tas-superfiċje jgħaddi minn ġewwa sekwenza ta' nixxigħat, xmajjar u, possibbilment, lagi għal ġol-baħar f'bokka unika tax-xmara, estwarju jew delta.

**Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi**: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent mill-effetti avversi ta' skariki tal-ilma urban mormi u skariki minn ċerti setturi industrijali. Dan jeħtieġ il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi f'agglomerazzjonijiet b'ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.) ta' 'l fuq minn 2 000, u trattament aktar strett f'agglomerazzjonijiet b'e.p. ta' 'l fuq minn 10 000 f'żoni sensittivi. Jeħtieġ ukoll li fl-agglomerazzjonijiet kollha ta' taħt l-2 000 e.p. fejn is-sistemi ta' ġbir huma stabbiliti, trattament xieraq jiġi żgurat f'każ ta' skariku fl-ilma ħelu u fl-estwarji.

**Domanda bijokimika ta' ossiġenu ($DBO_5$)**: Kwantità ta' ossiġenu kkonsmat minn mikroorganiżmi biex jeliminaw materja organika u minerali bijodegradabbli li tinsab fl-ilma. Id-$DBO_5$ konvenzjonalment tintuża biex tkejjel il-konsum tal-ossiġenu f'termini ta' mg $O_2$/l wara ħamest ijiem. Aktar ma jkun għoli l-valur tad-$DBO_5$, akbar ikun il-konsum tal-ossiġenu minn mikroorganiżmi u akbar ikun it-tniġġis.

**Domanda kimika ta' ossiġenu (DKO)**: Kwantità ta' ossiġenu kkonsmat biex jossida, permezz ta' mezzi kimiċi, il-materja organika u minerali preżenti fl-ilma. Dan il-parametru huwa espress f'mg $O_2$/l.

**Effluwent**: Ilma mormi ttrattat li ġie skarikat għal ġo korpi tal-ilma.

**Ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.)**: Espressjoni kwantitattiva tal-piż tat-tniġġis tal-ilma mormi f'termini tal-għadd ta' persuni "ekwivalenti" li jkunu joħolqu skart tal-istess qawwa. Unità ta' e.p. waħda tikkorrispondi għall-piż tat-tniġġis ta' drenaġġ iġġenerat minn abitant wieħed u tirrappreżenta t-toqol bijodegradabbli organiku li jkollu domanda bijokimika ta' ossiġenu fuq ħamest ijiem ta' 60 g ta' ossiġenu kuljum.

**Ewtrofikazzjoni**: L-arrikkiment tal-ilma b'nutrijenti, speċjalment komposti ta' nitroġenu u/jew fosforu, li jikkawża tkabbir aċċellerat ta' alga li jwassal għat-tnaqqis fil-livelli ta' ossiġenu tal-ilma u għall-għajbien ta' pjanti akkwatiċi indiġeni, ħut u fawna akkwatika oħra.

# Glossarju



**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali**: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu l-għan li jirrinforza l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastrutturi u permezz ta' investimenti produttivi li joħolqu l-impjiegi, prinċipalment għan-negozji.

**Fond ta' Koeżjoni**: Il-Fond ta' Koeżjoni għandu l-għan li jqawwi l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jiffinanzja proġetti għall-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li għandhom prodott nazzjonali gross *per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

**Ilma mormi**: Kwalunkwe ilma li ġie affettwat b'mod avvers fil-kwalità. Normalment, dan jinġarr f'netwerk tad-drenaġġ u jiġi ttrattat f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi. L-ilma mormi ttrattat jiġi skarikat għal ġo ilma riċeventi permezz ta' kanal tad-drenaġġ. L-ilma mormi ġġenerat f'żoni mingħajr aċċess għal netwerk pubbliku tad-drenaġġ jiddependi minn sistemi individwali, bħal tankijiet settiċi.

**Impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi**: Infrastruttura li tipprovdi sensiela ta' proċessi ta' trattament li għandhom l-għan li jnaqqsu l-livell ta' tniġġis tal-ilma mormi f'agglomerazzjonijiet urbani riċevut għal livell aċċettabbli qabel ma jiġi skarikat għal ġol-ilmijiet riċeventi.

**Kundizzjonalitajiet *ex ante***: Fil-kuntest tat-tħejjija ta' programmi operazzjonali li jirċievu kofinanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-perjodu tal-programm 2014-2020, l-Istati Membri jridu jivvalutaw jekk il-kundizzjonalitajiet *ex ante* predefiniti humiex issodisfati. F'każ li ma jkunux issodisfati, pjanijiet ta' azzjoni jeħtieġ li jitħejjew biex jiżguraw li dawn jiġu ssodisfati sal-31.12.2016.

**Netwerk tad-drenaġġ**: Infrastruttura fiżika, inklużi pajpijiet, pompi, għarbiela, kanali eċċ. użati għall-ġarr tad-drenaġġ mill-oriġini tiegħu sal-punt ta' trattament jew rimi eventwali.

**Perjodu tal-programm**: Il-qafas pluriennali li fih in-nefqa tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni tiġi ppjanata u implimentata.

**Permess tal-iskariki tal-ilma mormi**: F'dan ir-rapport, il-permessi maħruġa lil dawk li jiskarikaw l-ilma mormi skont dispożizzjonijiet legali nazzjonali. Il-permessi għall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jinkludu, fost oħrajn, informazzjoni dwar il-kapaċità tal-impjant u l-valuri limiti li għandhom jiġu rispettati għal għadd ta' parametri u materjali li jniġġsu.

**Prezz tal-ilma mormi (tariffa)**: Il-prezz tal-ilma mormi impost fuq dawk li jiskarikaw ilma mormi għal ġo netwerk tad-drenaġġ u/jew impjant tat-trattament, fi kliem ieħor l-utenti tas-servizzi ta' trattament tal-ilma mormi. It-tariffi tal-ilma mormi jistgħu jvarjaw għal utenti differenti (bħal unitajiet domestiċi u installazzjonijiet industrijali).

**Prinċipju ta' min iniġġes iħallas**: Prinċipju stipulat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 191(2)). Fir-rigward tal-ilma mormi dan jimplika li dawk li jiskarikaw l-ilma mormi għandhom iħallsu għat-tniġġis ikkawżat (eżempji: l-unitajiet domestiċi jħallsu għas-servizz ta' trattament permezz tal-prezz tal-ilma mormi, l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jħallsu tariffa għat-tniġġis).

# Glossarju



**Programm operazzjonali**: Programm operazzjonali jistipula l-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi ta' Stat Membru u kif il-finanzjament (kofinanzjament mill-UE u kofinanzjament pubbliku nazzjonali u privat) se jintuża matul perjodu partikolari (ġeneralment seba' snin) għall-finanzjament ta' proġetti. Dawn il-proġetti jridu jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' ċertu għadd ta' objettivi speċifikati fil-livell tal-assi prijoritarju tal-programm operazzjonali. Jeżistu programmi għal kull wieħed mill-fondi fil-qasam tal-Koeżjoni (jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew). Programm operazzjonali jitħejja mill-Istat Membru u jrid jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel ma jista' jsir kwalunkwe pagament mill-baġit tal-UE. Dawn jistgħu jiġu modifikati biss matul il-perjodu kopert jekk iż-żewġ partijiet jaqblu.

**Solidi sospiżi totali (SST)**: Kwantità ta' partiċelli minerali u organiċi sospiżi fl-ilma li jistgħu jinqabdu fuq filtru tal-porożità. Dan il-parametru huwa espress ukoll f'mg/l.

**Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA)**: Strument finanzjarju (l-ewwel sena tal-operazzjoni: 2000) li assista lill-pajjiżi kandidati fit-tħejjija għall-adeżjoni. Dan ipprovda assistenza għal proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma prijoritarji tal-UE tal-ambjent u t-trasport. Wara l-adeżjoni (l-2004 għal 10 pajjiżi u l-2007 għal 2 pajjiżi) il-proġetti tal-ISPA saru proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni.

**Trattament aktar strett/trattament terzjarju tal-ilma mormi**: Kif meħtieġ mid-Direttiva dan huwa l-fażi bijoloġika/kimika applikata fejn meħtieġ, biex jitnaqqsu l-livelli ta' konċentrazzjoni tan-nutrijenti (nitroġenu u fosforu) f'ilmijiet mormija ttrattati qabel ma jiġu skarikati għal ġo ilmijiet riċeventi li jinsabu f'riskju ta' ewtrofikazzjoni.

**Trattament primarju**: Fażi mekkanika li tinvolvi s-separazzjoni inizjali mill-ilma mormi ta' partiċelli kbar tad-drenaġġ.

**Trattament sekondarju**: Fażi bijoloġika li tinvolvi t-trattament tal-ilma mormi biex jiġu eliminati materjali organiċi bijodegradabbli li jniġġsu.

**Żona sensittiva**: Korp tal-ilma jrid jiġi identifikat mill-Istati Membri bħala żona sensittiva jekk jaqa' f'wieħed minn dawn il-gruppi li ġejjin: (i) korp tal-ilma jew taqsima ta' korp tal-ilma f'riskju ta' ewtrofikazzjoni, (ii) korp tal-ilma intenzjonat għall-astrazzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb li jista' jkun fih konċentrazzjoni kbira wisq ta' nitrati u (iii) żoni fejn trattament aktar strett huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati d-Direttivi tal-Kunsill.
In-nominazzjoni xierqa ta' żoni sensittivi hija kruċjali billi tiddetta t-tip ta' trattament tal-ilma mormi li għandu jiġi stabbilit għat-tnaqqis ta' aġenti li jikkawżaw l-ewtrofikazzjoni.

**Żoni normali**: Korp tal-ilma jew taqsima ta' korp tal-ilma mhux f'riskju ta' ewtrofikazzjoni.

# Sommarju eżekuttiv



## I

L-ilma mormi u l-ħama tad-drenaġġ minn agglomerazzjonijiet urbani jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-lagi, ix-xmajjar, l-ilmijiet kostali, il-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fl-Ewropa. B'riżultat ta' dan, l-UE adottat sensiela ta' Direttivi u kkofinanzjat ukoll il-bini ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi permezz tal-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

## II

L-awditu tal-Qorti ffoka fuq erba' Stati Membri fil-baċin tax-Xmara Danubju (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja). Il-Qorti analizzat il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u, għal kampjun ta' 28 impjant tat-trattament tal-ilma mormi kkofinanzjat mill-UE, il-prestazzjoni fit-trattament tal-ilma mormi, il-mod kif jiġi ttrattat il-ħama tad-drenaġġ prodott u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-infrastruttura.

## III

Il-Qorti kkonkludiet li l-infiq mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/mill-Fond ta' Koeżjoni matul il-perjodu tal-programm 2007-2013 kellu rwol ewlieni fit-tmexxija 'l quddiem tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, madankollu mhux biżżejjed biex jintlaħqu d-dati ta' skadenza rigward it-trattament tal-ilma mormi. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rekwiżiti tar-rappurtar u li d-dispożizzjonijiet legali fl-Istati Membri jiġu stabbiliti biex jiżguraw konnessjoni fil-pront tal-unitajiet domestiċi man-netwerk pubbliku tad-drenaġġ.

## IV

Il-Qorti nnotat li l-fondi disponibbli taħt il-perjodu tal-programm 2007-2013 ġew assorbiti bil-mod u li l-indikaturi fil-programmi operazzjonali ma jippermettux rikonċiljazzjoni mal-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-Qorti tirrakkomanda li informazzjoni aġġornata dwar ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-kisba ta' konformità sħiħa mad-Direttiva u dwar sorsi ta' finanzjament potenzjali ssir disponibbli mill-Istati Membri.

## V

L-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi eżaminati, ikkofinanzjati mill-UE, kienu fil-biċċa l-kbira konformi mar-rekwiżiti dwar l-effluwenti speċifikati fil-permessi tal-iskariki tagħhom u ma' dawk speċifikati mid-Direttiva (meta applikabbli). Madankollu, madwar terz tal-impjanti huma kbar b'mod eċċessiv (anke meta jittieħdu inkunsiderazzjoni konnessjonijiet futuri ppjanati). Barra milli jagħtu attenzjoni lid-daqs xieraq tal-impjanti, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw il-problema tat-tifwir tal-ilma tal-maltemp billi jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ilma, u li l-operaturi tal-impjanti jaħtfu opportunitajiet biex jiffrankaw l-ispejjeż operazzjonali. Barra minn hekk, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta x-xerqien ta' limiti ta' konċentrazzjoni tad-Direttiva filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni t-titjib teknoloġiku li sar mill-1991, meta ġiet adottata d-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi, 'il hawn.

## VI

L-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati ttrattaw il-ħama b'mod xieraq bl-eċċezzjoni ta' Stat Membru wieħed. Madankollu, mhux neċessarjament hemm rekwiżiti vinkolanti rigward materjali li jniġġsu għat-tipi kollha ta' użu tal-ħama. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jissettjaw kriterji għat-tipi kollha ta' użu u jieħdu azzjoni meħtieġa biex jiżguraw monitoraġġ robust ta' materjali li jniġġsu.

## VII

Il-grad milħuq ta' sostenibbiltà finanzjarja tal-infrastruttura kkofinanzjata mill-UE ma kienx kompletament sodisfaċenti. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw politika tal-ipprezzar tal-ilma mormi li tkun responsabbli, b'tariffi li ma jkunux aktar baxxi mil-livell ta' affordabbiltà ta' 4 % msemmi mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li fondi suffiċjenti jkunu disponibbli biex jippermettu l-manutenzjoni u t-tiġdid meħtieġa.

# Introduzzjoni



## Sfond

**01**
L-għan prinċipali tal-politika tal-ilma tal-UE huwa li tiżgura li kwantità suffiċjenti ta' ilma ta' kwalità tajba tkun disponibbli għall-ħtiġijiet tan-nies u għall-ambjent madwar l-UE kollha. It-tniġġis tal-ilma huwa wieħed mit-tħassibiet ambjentali prinċipali espress miċ-ċittadini tal-UE.

**02**
Dan ir-rapport jiffoka fuq il-baċin tax-Xmara Danubju li huwa l-akbar baċin tax-xmara fl-Ewropa (801 463 km$^2$) u jmiss ma' 19-il pajjiż. Huwa vulnerabbli għat-tniġġis tal-ilma li jiġi minn diversi sorsi.

**03**
Wieħed mis-sorsi tat-tniġġis tal-ilma huwa l-emissjoni minn agglomerazzjonijiet, ta' ilma mormi parzjalment ittrattat jew mhux ittrattat. Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[1] tal-1991 tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw, sa ċertu data ta' skadenza, li l-agglomerazzjonijiet jiġu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma urban mormi u li l-ilma mormi miġbur ikun suġġett għal trattament xieraq.

**04**
Il-ħama tad-drenaġġ prodott minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi jista' jkun ta' ħsara għall-ilma u l-ħamrija, prinċipalment minħabba l-kontenut ta' metalli tqal fil-ħama. Għalhekk, ir-rimi ta' ħama għal ġo ilmijiet tas-superfiċje ma għadux permess u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi tipprevedi l-użu mill-ġdid tal-ħama. It-tqegħid tal-ħama tad-drenaġġ fuq ħamrija agrikola[2] hija rregolata mid-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ[3] li tispeċifika regoli għall-kampjunar u l-analiżi tal-ħama u l-ħamrija, u li tissettja limiti għal konċentrazzjonijiet u kwantitajiet annwali massimi ta' metalli tqal li jistgħu jiġu introdotti fil-ħamrija.

**05**
Fl-***Anness I*** tingħata ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-proċess tat-trattament tal-ilma mormi u r-rimi ta' ħama.

**06**
L-objettiv prinċipali tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[4] huwa li jinkiseb status tajjeb tal-ilma tas-superfiċje u tal-ilma ta' taħt l-art sal-2015. L-għodda ewlenija għall-implimentazzjoni tad-Direttiva hija l-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Sal-2009, kull Stat Membru kellu jipproduċi pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara li kienu jinkludu programm ta' miżuri għal kull distrett tal-baċin tax-xmara fit-territorju tiegħu[5]. Dan il-programm kellu jinkludi, fost oħrajn, il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-protezzjoni tal-ilma (bħad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi).

**07**
Il-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020[6] tal-2013, jeħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosforu, inklużi dawk minn ilma urban mormi u minn ilma industrijali mormi u mill-użu ta' fertilizzanti. Bl-istess mod, il-Blueprint[7] tal-2012 għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma fl-Ewropa jidentifika bħala azzjoni meħtieġa t-titjib tar-rati ta' konformità fir-rigward tat-trattament tal-ilma mormi permezz ta' ppjanar ta' investimenti fuq terminu twil.

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

2 It-tniġġis tal-ħamrija jista' jwassal għal tniġġis tal-ilma jew permezz ta' tnixxija ta' materjali li jniġġsu għal ġo ilma ta' taħt l-art jew permezz ta' skol.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

4 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

5 Meta l-Istati Membri jkun fihom partijiet minn baċini tax-xmajjar differenti fi ħdan it-territorju tagħhom (eż. ir-Repubblika Ċeka għandha partijiet mill-baċin tax-Xmara Danubju kif ukoll partijiet mill-baċini tax-Xmara Oder u x-Xmara Elbe), pjanijiet kienu meħtieġa jiġu stabbiliti għal kull waħda mill-partijiet (distretti tal-baċin).

6 Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20' ta Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

7 COM(2012) 673 final tal-14 ta' Novembru 2012.

## Kofinanzjament mill-UE tal-infrastruttura relatata mal-ilma mormi

**08**
L-ispejjeż għall-kostruzzjoni, it-titjib u l-modernizzazzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u netwerks tad-drenaġġ huma eliġibbli għall-kofinanzjament mill-UE mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jista' jipprovdi wkoll kofinanzjament meta ż-żoni rurali huma kkonċernati. Għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007, il-fondi kienu disponibbli mill-2000 sad-data tal-adeżjoni taħt l-Istrument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA). Mal-adeżjoni ta' dawn l-Istati Membri, il-proġetti tal-ISPA saru proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni mal-adeżjoni ta' dawn l-Istati Membri.

**09**
Il-fondi tal-UE allokati għall-infrastruttura tal-ilma mormi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni kienu bejn wieħed u ieħor EUR 12,9 biljun għall-perjodu tal-programm 2000-2006 u EUR 14,6 biljun għall-perjodu tal-programm 2007-2013.

**10**
Proġetti ta' infrastruttura kkofinanzjati (ara l-***Kaxxa 1***) huma implimentati taħt ġestjoni kondiviża, bil-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE[8]. Matul il-perjodu tal-programm 2000-2006, minbarra l-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali, il-Kummissjoni approvat l-applikazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri għall-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali li l-ispiża totali tagħhom qabżet l-EUR 50 miljun, għall-proġetti kollha tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-ISPA. Għall-perjodu tal-programm 2007-2013, minbarra l-approvazzjoni ta' programmi, proġetti kbar biss (jiġifieri dawk li jiswew iktar minn EUR 50 miljun) kellhom jiġu approvati mill-Kummissjoni[9]. Id-deċiżjoni biex jiġi kkofinanzjat proġett tistabbilixxi l-ammont tal-għotja (ir-rata ta' assistenza) u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament li jridu jiġu ssodisfati.

8 L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

9 Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-25 ta' Ġunju 2010 l-ammont kien ta' EUR 25 miljun fil-każ ta' proġetti relatati mal-ambjent.

Kaxxa 1

## Eżempju ta' proġett ikkofinanzjat li saritlu żjara mill-Qorti



Stampa 1 — Impjant tat-trattament tal-ilma mormi (l-Ungerija-Zalaegerszeg)
*Sors:* il-QEA.

Fl-Ungerija, proġett wieħed kien jikkonsisti (i) fil-kostruzzjoni ta' netwerk ġdid tad-drenaġġ f'ċerti żoni tal-agglomerazzjoni u fl-estensjoni tan-netwerk eżistenti tad-drenaġġ f'żoni oħra, (ii) fit-titijib tal-impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi biex tiġi żgurata t-tneħħija tan-nutrijenti u (iii) fl-għoti ta' faċilità ġdida tat-trattament tal-ħama.

Il-proġett ġie approvat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2004 daħal fis-seħħ f'Diċembru 2011. In-nefqa totali mġarrba għal dan il-proġett kienet ta' EUR 48.3 miljun, li minnhom l-għotja mill-UE kienet ta' EUR 36.2 miljun.

**11**
Żewġ Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni għandhom rwol sinifikanti fil-qasam tat-trattament tal-ilma mormi:

(a) id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent huwa responsabbli mill-politika ambjentali tal-UE fil-qasam tal-ilma inkluż it-trattament tal-ilma mormi. Huwa meħtieġ jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata (bħalma huma d-dati ta' skadenza għall-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi), kif ukoll iniedi proċeduri ta' ksur meta meħtieġ. Huwa jiġi kkonsultat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana meta jkun qed jeżamina l-kwalità tal-proposti tal-programmi operazzjonali. Huwa wkoll ikkonsultat fil-fażi tal-evalwazzjoni ta' "proġetti kbar" u ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni;

(b) id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana huwa responsabbli mill-baġit tal-UE fil-qasam tal-politika reġjonali li taħtha l-proġetti relatati mal-ilma mormi jistgħu jiġu kkofinanzjati.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



## 12

Permezz ta' dan l-awditu l-Qorti vvalutat l-effettività tal-infiq mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/ mill-Fond ta' Koeżjoni fuq it-trattament tal-ilma mormi biex jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi. Il-Qorti biħsiebha tkopri kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju f'rapporti oħra.

## 13

L-awditu ffoka fuq erba' Stati Membri tal-baċin tax-Xmara Danubju li jkopru l-parti ta' fuq, dik ċentrali u dik ta' isfel tal-baċin: ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja[10].

## 14

Il-Qorti indirizzat l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:

(a) L-Istati Membri ssodisfaw id-dati ta' skadenza għall-konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi?

(b) L-Istati Membri għamlu użu adegwat tal-fondi disponibbli taħt il-perjodu tal-programm 2007-2013?

(c) L-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE jiffunzjonaw b'mod effettiv?

(d) L-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE huma finanzjarjament sostenibbli?

## 15

Il-kontribuzzjoni totali mill-UE għal proġetti għat-trattament tal-ilma mormi fl-erba' Stati Membri kienet ta' EUR 2.1 biljun għall-perjodu tal-programm 2000-2006[11], u ta' EUR 5.8 biljun[12] għall-perjodu 2007-2013.

## 16

L-awditu kien ibbażat fuq valutazzjoni ta':

(a) l-aktar *data* aġġornata rigward: ir-rata ta' konnessjoni skont l-agglomerazzjoni, l-effiċjenza tat-trattament li jsir mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u l-għadd ta' agglomerazzjonijiet li għadhom mhumiex konformi mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi;

(b) il-prestazzjoni ta' 28 impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi. Kif mill-impjanti li jaħdmu, ħafna mill-proġetti inklużi fil-kampjun kienu rċevew finanzjament mill-UE taħt il-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006. L-***Anness II*** fih il-lista ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati, li kollha kemm huma kellhom kapaċità ta' 'l fuq minn 2 000 ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.).

10 Parti mir-Repubblika Ċeka, parti kbira mis-Slovakkja, u t-totalità tar-Rumanija u l-Ungerija jinsabu fil-baċin tax-Xmara Danubju.

11 Għall-Istati Membri li saritilhom żjara, il-proġetti ġew iffinanzjati mill-ISPA bejn l-2000 u d-data tal-adeżjoni, u mill-adeżjoni 'l quddiem mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

12 *Data* fil-31.12.2013 (ibbażata fuq rapporti annwali ta' implimentazzjoni).

17
Evidenza nkisbet minn reviżjonijiet u analiżijiet tad-dokumenti (eż. strateġiji nazzjonali, rapporti ta' implimentazzjoni, atti legali, statistika u *data* dwar il-prestazzjoni mingħand operaturi tal-impjanti), minn intervisti ma' uffiċjali mill-Kummissjoni u l-Istati Membri u ma' rappreżentanti tas-sidien u l-operaturi tal-impjanti tat-trattament. Il-Qorti żaret 14 mit-28 impjant tat-trattament fil-kampjun bejn Marzu 2013 u Jannar 2014 u eżaminat fid-dettall dokumentazzjoni relatata mal-14-il impjant li ma saritilhomx żjara. Il-kriterji ta' valutazzjoni użati għall-awditu huma spjegati aktar fit-taqsimiet differenti ta' dan ir-rapport.

# Osservazzjonijiet



## Konformità mad-dati ta' skadenza tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

**18**
Skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi:

- l-agglomerazzjonijiet kollha ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. irid ikollhom sistemi ta' ġbir stabbiliti jew, fejn l-istabbiliment ma jkunx iġġustifikat, sistemi individwali jew sistemi xierqa oħra[13] li jilħqu l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali (l-Artikolu 3 tad-Direttiva);

- fl-agglomerazzjonijiet kollha ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. l-ilma mormi jrid jgħaddi minn trattament sekondarju biex b'hekk l-effluwenti minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jistgħu jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għad-domanda bijokimika ta' ossiġenu ($DBO_5$), id-domanda kimika ta' ossiġenu (DKO) u s-solidi sospiżi totali (SST) (l-Artikolu 4);

- f'żoni sensittivi[14] fl-agglomerazzjonijiet kollha ta' 'l fuq minn 10 000 e.p. l-ilma mormi jrid jgħaddi minn trattament aktar strett biex b'hekk l-effluwenti minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jistgħu jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għan-nitroġenu totali[15] ($N_{tot}$) u l-fosforu totali ($P_{tot}$) (l-Artikolu 5);

- fl-agglomerazzjonijiet kollha ta' taħt l-2 000 e.p. fejn is-sistemi ta' ġbir huma stabbiliti, trattament xieraq għandu jiġi żgurat f'każ ta' skariku għal ġol-ilma ħelu u l-estwarji (l-Artikolu 7).

**19**
Id-dati sa meta r-rekwiżiti msemmija hawn fuq kellhom jiġu ssodisfati kienu differenti għall-erba' Stati Membri li saritilhom żjara (ara l-***Anness III***). Jekk Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-liġi tal-UE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tibda proċedura ta' ksur u fl-aħħar mill-aħħar li tirreferi l-każ lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

**20**
Il-Qorti eżaminat jekk:

- id-dati ta' skadenza interim u/jew finali kinux ġew issodisfati għal agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p.;

- informazzjoni kinitx disponibbli dwar jekk trattament xieraq ġiex żgurat għal agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p. li għandhom sistemi ta' ġbir stabbiliti;

- il-Kummissjoni ħaditx xi azzjoni f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dati ta' skadenza li jinsabu fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

13 Pereżempju, fossa tista' titqies bħala sistema individwali.

14 Żoni definiti fis-sens strett tal-kelma abbażi tal-kriterji tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (ara l-***Glossarju***).

15 Nitroġenu totali jfisser: is-somma tan-niroġenu-Kjeldahl totali (N organiku + $NH_3$), nitrat ($NO_3$)-nitroġenu u nitrit ($NO_2$)-nitroġenu.

## Ġeneralment, l-Istati Membri ssodisfaw id-dati ta' skadenza speċifikati fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi għall-ġbir iżda mhux għat-trattament tal-ilma mormi

### Tlieta mill-erba' Stati Membri ssodisfaw id-dati ta' skadenza tagħhom għall-ġbir tal-ilma mormi

**21**
Abbażi tal-analiżi mill-Kummissjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri[16], il-Qorti tikkonkludi li fir-rigward tal-ġbir tal-ilma mormi (l-Artikolu 3 tad-Direttiva), mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara, ir-Rumanija biss kienet waqgħet kemxejn lura fi tmiem l-2012 fir-rigward tad-dati ta' skadenza interim tiegħu (ara t-***Tabella 1***).

**22**
Madankollu, il-Qorti tinnota li abbażi tad-*data* tal-Istati Membri, ma jistax jiġi vvalutat jekk is-sistemi individwali li jiġbru parti mill-piż jipprovdux livell simili ta' protezzjoni ambjentali bħal sistemi ta' ġbir. Għal xi agglomerazzjonijiet il-piż li jmur għand is-sistemi individwali huwa pjuttost għoli u f'xi każijiet jista' jirrappreżenta sa massimu ta' 100 % tal-piż ta' agglomerazzjoni. F'nofs l-2014, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija u lis-Slovakkja biex jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar kif l-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li livell simili ta' protezzjoni ambjentali jiġi pprovdut meta sistemi individwali jkunu stabbiliti.

16 Id-*data* pprovduta fl-2014 li tippreżenta s-sitwazzjoni fid-data ta' referenza 31.12.2012 għar-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u s-Slovakkja u l-31.12.2011 għall-Ungerija.

**Tabella 1**

### Konformità mad-dati ta' skadenza tad-Direttiva rigward il-ġbir tal-ilma mormi (fil-31.12.2012)

| Stat Membru | Rekwiżit | Kisba: perċentwal ta' agglomerazzjonijiet[1] b'sistemi ta' ġbir, inkluż il-piż[2] miġbur permezz ta' sistemi individwali |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 100 % tal-agglomerazzjonijiet sal-2010 | 100 %;<br>7 % tal-piż tal-ilma mormi jinġabar permezz ta' sistemi individwali. |
| L-Ungerija | 154 agglomerazzjoni (31 % tat-total) sal-2010 | 100 %;<br>14 % tal-piż tal-ilma mormi jinġabar permezz ta' sistemi individwali. |
| Ir-Rumanija | 61 % tal-piż sal-2010 | Sitt agglomerazzjonijiet biss jissodisfaw ir-rekwiżiti kompletament. Madankollu, id-dati ta' skadenza interim jirreferu għall-piż tal-ilma mormi: fi tmiem l-2012 ir-rata reali ta' ġbir kienet ta' 60.2 %;<br>1 % tal-piż jinġabar permezz ta' sistemi individwali. |
| Is-Slovakkja | 291 agglomerazzjoni (82 % tat-total) sal-2010 | 100 %;<br>13 % tal-piż tal-ilma mormi jinġabar permezz ta' sistemi individwali u 0.4 % ma jinġabar bl-ebda mezz. |

1 Agglomerazzjoni titqies konformi mill-Kummissjoni jekk il-piż miġbur f'sistemi ta' ġbir jilħaq it-98 % jew aktar tal-piż totali ġġenerat mill-agglomerazzjoni u l-piż li ma jinġabarax ma jaqbiżx l-2 000 e.p.

2 Il-piż huwa l-piż organiku bijodegradabbli ta' agglomerazzjoni espress f'e.p.

*Sors:* L-analiżi mill-Kummissjoni tad-data pprovduta mill-Istati Membri.

**23** Barra minn hekk, il-fatt li sistemi ta' ġbir huma stabbiliti ma jfissirx li l-unitajiet domestiċi kollha li jkunu jistgħu jiġu konnessi huma fil-fatt konnessi. Pereżempju, l-unitajiet domestiċi jistgħu jippreferu li jibqgħu b'sistemi individwali għal raġunijiet ta' spejjeż. Dispożizzjonijiet legali li jimponu obbligi, u f'xi każijiet multi għan-nuqqas ta' konnessjoni, huma stabbiliti fl-erba' Stati Membri kollha li saritilhom żjara għall-iżgurar tal-konnessjoni tal-unitajiet domestiċi man-netwerk tad-drenaġġ (ara t-***Tabella 2***). Madankollu fi tlieta mill-erba' Stati Membri ma hemm l-ebda data ta' skadenza għall-konnessjoni, jew it-termini użati huma vagi. Dan jista' jfixkel infurzar effettiv tal-obbligu li ssir konnessjoni ma' netwerk eżistenti tad-drenaġġ. Il-mod kif l-obbligi ġew infurzati mill-awtoritajiet nazzjonali ma ġiex iċċekkjat fil-kuntest ta' dan l-awditu.

## L-ebda wieħed mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara ma ssodisfa d-dati ta' skadenza fir-rigward tat-trattament tal-ilma mormi

**24** Abbażi tal-analiżi mill-Kummissjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri l-Qorti tikkonkludi li, fir-rigward tal-ilma mormi ttrattat, l-erba' Stati Membri kollha ma laħqux sa gradi differenti d-dati ta' skadenza tagħhom għall-konformità[17] mal-limiti ta' konċentrazzjoni meħtieġa għal ċerti parametri fi tmiem l-2012 (ara t-***Tabella 3*** għad-dati ta' skadenza interim għall-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja u l-***Anness III*** għad-dati ta' skadenza kollha). Fid-dawl tad-dewmien fl-issodisfar tad-dati ta' skadenza interim u l-ħtieġa li jiġu identifikati sorsi oħra ta' finanzjament (ara l-paragrafi 39 u 40), se jkun diffiċli ferm għas-Slovakkja u r-Rumanija biex jissodisfaw id-dati ta' skadenza finali tagħhom tal-2015 u l-2018 rispettivament.

17 Il-kontroll tal-konformità legali jsegwi approċċ ġerarkiku. Dan ifisser li nuqqas ta' konformità mal-obbligi fir-rigward tal-ġbir (l-Artikolu 3 tad-Direttiva) jinvolvi nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jiġi pprovdut trattament (l-Artikolu 4 u, meta applikabbli, l-Artikolu 5), anke jekk l-istandards ta' kwalità tal-effluwenti jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Bl-istess mod, agglomerazzjoni li ma tissodisfax l-istandards ta' kwalità għal trattament sekondarju ma tistax titqies li tikkonforma mal-Artikolu 5 (trattament aktar strett).

**Tabella 2**

### Dispożizzjonijiet legali nazzjonali biex tiġi żgurata l-konnessjoni ma' netwerk eżistenti tad-drenaġġ

| Stat Membru | Dispożizzjonijiet legali |
|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Il-konnessjoni, il-muniċipalitajiet jistgħu jagħmluha obbligatorja u jistgħu jimponu multi għal nuqqas ta' konformità. Għal kostruzzjonijiet jew rinnovamenti ġodda irid jiġi pprovdut trattament jew rimi tal-ilma mormi. L-ebda data ta' skadenza ma ġiet speċifikata. |
| L-Ungerija | L-obbligu li ssir konnessjoni fi żmien 90 jum mill-eżistenza ta' sistema kollettiva. Multi pagabbli (miġbura bħala taxxa) f'każ ta' nuqqas ta' konnessjoni. |
| Ir-Rumanija | L-obbligu li ssir konnessjoni għal binjiet fejn jitwettqu attivitajiet soċjoekonomiċi. L-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jistgħu jiġu mmultati għal dewmien mhux dovut fil-konnessjoni ta' utenti ġodda. |
| Is-Slovakkja | L-obbligu li ssir konnessjoni għal sidien ta' proprjetà li tiġġenera l-ilma mormi dment li s-sid ikollu permess biex jittratta l-ilma mormi b'mezzi oħra (iżda l-ebda data ta' skadenza speċifikata). Multi pagabbli f'każ ta' nuqqas ta' konnessjoni. |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Tabella 3

## Konformità mad-dati ta' skadenza tad-Direttiva rigward it-trattament tal-ilma mormi (fil-31.12.2012)

| Stat Membru | Konformità rigward trattament sekondarju (rispett tal-limiti ta' konċentrazzjoni għad-$DBO_5$, id-DKO u l-SST) | | Konformità rigward trattament aktar strett f'żoni sensittivi (rispett tal-limiti ta' konċentrazzjoni għan-$N_{tot}$ u l-$P_{tot}$) | |
|---|---|---|---|---|
| | Rekwiżit | Kisba | Rekwiżit | Kisba |
| Ir-Repubblika Ċeka | 594 agglomerazzjoni (sal-2010) | 512 (86 %) | 132 agglomerazzjoni (sal-2010) | 83 (63 %) |
| L-Ungerija | 154 agglomerazzjoni (sal-2010) | 130 (84 %) | 6 agglomerazzjonijiet (sal-2008) | 5 (83 %) |
| | | | Ara l-paragrafi 25 u 26 | |
| Ir-Rumanija | Piż (f'e.p.)<br>10 829 595 (sal-2010)<br>12 953 045 (sal-2013) | Piż (f'e.p.)<br>8 184 225<br>(76 % (imqabbel mal-2010))<br>(63 % (imqabbel mal-2013)) | Piż (f'e.p.)<br>7 688 721 (sal-2010)<br>9 196 314 (sal-2013) | 1 530 828<br>(20 %)<br>(17 %) |
| Is-Slovakkja | 258 agglomerazzjoni (sal-2012) | 236 (92 %) | 81 agglomerazzjoni (sal-2010) | 41 (51 %) |

*Sors:* L-analiżi mill-Kummissjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri.

**25**
Skont id-Direttiva (l-Artikolu 5.4.), ir-rekwiżiti għal impjanti individwali tat-trattament tal-ilma mormi (tneħħija tal-$N_{tot}$ u tal-$P_{tot}$) ma għandhomx japplikaw f'żoni sensittivi fejn jista' jintwera li l-perċentwal minimu ta' tnaqqis tal-piż kumplessiv li jidħol fl-impjanti kollha (ta' 'l fuq minn 2 000 e.p.) f'dik iż-żona huwa mill-inqas 75 % kemm għall-$N_{tot}$ kif ukoll għall-$P_{tot}$.

**26**
Skont it-Trattat tal-Adeżjoni parti żgħira biss mill-Ungerija (sitt agglomerazzjonijiet) kienet meqjusa żona sensittiva fejn trattament aktar strett kien jeħtieġ ikun stabbilit sal-2008. Madankollu f'Marzu 2009, b'riżultat ta' ftehim bejn ir-Rumanija u l-Ungerija, l-Ungerija infurmat lill-Kummissjoni li se tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5.4 sa tmiem l-2018, għall-piż kumplessiv dieħel fl-impjanti kollha (li jikkorrispondi għal 498 agglomerazzjoni). Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ungeriżi lill-Kummissjoni, il-perċentwal ta' tnaqqis tal-piż dieħel fl-impjanti tat-trattament kien ta' 73.1 % għall-$N_{tot}$ u ta' 74.4 % għall-$P_{tot}$ sa tmiem l-2012 (fi tmiem l-2010 ċ-ċifri kienu ta' 71.5 % u 79.5 % rispettivament).

### Bidliet fl-għadd ta' agglomerazzjonijiet u fiċ-ċifri tal-piż irrappurtati mill-Istati Membri għandhom impatt fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva

**27**
Agglomerazzjonijiet huma definiti bħala żona fejn il-popolazzjoni u/jew l-attivitajiet ekonomiċi huma kkonċentrati biżżejjed biex l-ilma urban mormi jinġabar u jittieħed f'impjant jew f'punt ta' skarikar. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-agglomerazzjonijiet, b'mod partikolari għandhom jiġu inklużi fi ħdan agglomerazzjoni waħda.

**28**
Id-Direttiva timponi obbligi aktar stretti fuq l-Istati Membri għal agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. L-analiżi mill-Qorti wriet li l-għadd ta' agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. u l-piż korrispondenti nbidlu b'mod sinifikanti matul iż-żmien fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fir-Rumanija. Il-bidla l-aktar sinifikanti seħħet fir-Rumanija (tnaqqis ta' 29 % fl-għadd ta' agglomerazzjonijiet u tnaqqis ta' 17 % fil-piż) (ara t-***Tabella 4***). Jekk agglomerazzjoni ma tibqax ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. dan jimplika li ma hemmx għalfejn tibqa' l-konformità mar-rekwiżiti dwar l-effluwenti (jiġifieri limiti ta' konċentrazzjoni) (ara l-paragrafu 18), u għaldaqstant id-dati ta' skadenza tad-Direttiva ma jibqgħux japplikaw għal agglomerazzjoni bħal din.

**29**
Fid-dawl tal-għadd kbir ta' agglomerazzjonijiet fit-28 Stat Membru, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li ssegwi kull każ individwali biex tiżgura li l-bidliet irrappurtati fl-għedud ta' agglomerazzjonijiet fl-Istati Membri jkunu validi u li jirriżultaw f'applikazzjoni korretta tad-Direttiva.

**Tabella 4**

**Bidliet irrappurtati lill-Kummissjoni rigward l-għadd ta' agglomerazzjonijiet u l-piż**

| Stat Membru | Bidla fl-għadd (ta' 'l fuq minn 2 000 e.p.) | Bidla fil-piż (f'e.p.) | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 2008: 618<br>2012: 598<br>= tnaqqis ta' 3 % | 2008: 8 429 183<br>2012: 7 590 604<br>= tnaqqis ta' 10 % | Prinċipalment agglomerazzjonijiet li d-daqs tagħhom niżel taħt l-2 000 e.p. |
| L-Ungerija | 2005: 404<br>2007: 497<br>2012: 498<br>= żieda ta' 23 % mill-2005 'l hawn u stabbli mill-2007 'l hawn | 2005: 9 643 155<br>2007: 13 231 718<br>2012: 11 665 187<br>= tnaqqis ta' 12 % mill-2007 'l hawn | Hemm inkonsistenzi bejn id-*data* rrappurtata lill-Kummissjoni u d-*data* fid-Digriet Ungeriż 173/2014 (VII.18.), li jsemmi 566 agglomerazzjoni u piż ta' 10 767 713 e.p. |
| Ir-Rumanija | 2007: 2 620<br>2012: 1 852<br>= tnaqqis ta' 29 % | 2007: 25 838 316<br>2012: 21 409 175<br>= tnaqqis ta' 17 % | Agglomerazzjonijiet li d-daqs tagħhom niżel taħt l-2 000 e.p. u bidliet fil-kompożizzjoni tal-agglomerazzjonijiet |
| Is-Slovakkja | L-ebda bidla mill-2005 'l hawn: 356 | 2005: 5 054 900<br>2008: 5 259 370<br>2012: 5 072 755<br>= tnaqqis ta' 4 % mill-2008 'l hawn | |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

### Il-Kummissjoni għandha biss informazzjoni parzjali dwar is-sitwazzjoni f'agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p.

**30**
Sabiex jistabbilixxu l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-Istati Membri jridu jivvalutaw jekk it-tniġġis iġġenerat minn agglomerazzjonijiet (inklużi dawk ta' taħt l-2 000 e.p.) tant għandu impatt fuq korpi tal-ilma li jeħtieġ li tittieħed azzjoni dwaru (ara l-paragrafu 6). Barra minn hekk, il-miżuri għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi jridu jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Mill-bqija, għal agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p., il-Kummissjoni ma tirrikjedi l-ebda rappurtar speċifiku mill-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (jiġifieri l-agglomerazzjonijiet ikkonċernati u l-konformità tagħhom mal-Artikolu 7).

**31**
Il-Qorti sabet li l-Kummissjoni għandha biss informazzjoni parzjali dwar is-sitwazzjoni f'agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p. Għar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja, il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmara ma jindikawx kemm minnhom, dawn l-agglomerazzjonijiet, huma ta' importanza għall-kwalità tal-ilma. Bl-istess mod, la r-Repubblika Ċeka u lanqas l-Ungerija ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar l-għadd ta' agglomerazzjonijiet fejn is-sistemi ta' ġbir ġew stabbiliti iżda ma kien hemm l-ebda impjant tat-trattament. Fl-2013, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara, il-Kummissjoni talbet *data* speċifika għar-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja. Dan juri li l-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li titlob informazzjoni dwar dawn l-agglomerazzjonijiet. Minkejja dan, l-informazzjoni riċevuta u disponibbli għar-Repubblika Ċeka u l-Ungerija ma ma tippermettix li l-Kummissjoni tivverifika l-konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

### Il-Kummissjoni qed issegwi sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità fi tlieta mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara

**32**
Kull sentejn l-Istati Membri jridu jirrappurtaw il-progress dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi lill-Kummissjoni. Sa Ġunju 2014 is-sitwazzjoni fi tmiem l-2012 kellha tiġi rrappurtata (jew l-2011 jekk *data* aktar reċenti ma kinitx disponibbli). Imbagħad, il-Kummissjoni tippubblika rapport kumplessiv ta' implimentazzjoni: l-aħħar żewġ rapporti tħejjew fi żmien 18-il xahar mid-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni għall-Istati Membri[18].

**33**
F'Lulju 2014, il-Kummissjoni niedet talba għal informazzjoni lir-Repubblika Ċeka u lis-Slovakkja u f'Ottubru 2014 lill-Ungerija abbażi ta' *data* pprovduta mill-Istati Membri fl-2012. Dawn it-talbiet tniedu fir-rigward ta' nuqqasijiet ta' konformità sa tmiem l-2010 (ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja) jew l-2009 (l-Ungerija)[19], filwaqt li fl-istess waqt aktar dati ta' skadenza kienu għaddew u aktar informazzjoni aġġornata kien ġiet riċevuta (ara l-paragrafu 32). Għalhekk, il-Qorti tqis li l-effikaċja ta' dan il-proċess, kif huwa operat bħalissa, hija dubjuża. Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-informazzjoni pprovduta bi tweġiba għal dawn it-talbiet kienet għadha għaddejja f'Marzu 2015.

18 L-aħħar rapport ippubblikat: "Seba' Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi", COM(2013) 574 final tas-7 ta' Awwissu 2013.

19 Ir-Rumanija kienet għadha ma laħqet l-ebda waħda mid-dati ta' skadenza interim tagħha fid-data ta' referenza tal-31.12.2009 u għaldaqstant il-konformità kienet għadha ma tridx tiġi vvalutata. Minkejja dan, skont is-sitwazzjoni fil-31.12.2012 (ara t-***Tabella 3***), ir-Rumanija ma ssodisfatx l-ewwel data ta' skadenza tagħha fl-2010.

## Użu tal-fondi tal-UE disponibbli taħt il-perjodu tal-programm 2007–2013

### 34

Ġeneralment, investimenti fil-qasam tal-ilma mormi huma kkofinanzjati mill-UE fil-kuntest tal-programmi operazzjonali 2007-2013, b'mod partikolari l-programmi orizzontali li jittrattaw mal-ambjent. Kull wieħed mill-erba' Stati Membri għandu programm operazzjonali orizzontali bħal dan. Meħuda flimkien, huma pprovdew baġit totali ta' EUR 4.9 biljun ta' fondi tal-UE għal investimenti fil-qasam tal-ilma mormi.

### 35

Il-Qorti eżaminat:

- Ir-rata ta' assorbiment tal-fondi disponibbli għal investimenti fil-qasam tal-ilma mormi fil-qafas tal-Programm Operazzjonali 2007-2013 fi tmiem l- 2013;

- jekk il-miri speċifiċi għal indikaturi tal-output u tar-riżultati kinux intlaħqu sa tmiem l-2013.

## Ma ntużax il-finanzjament kollu disponibbli taħt il-programmi operazzjonali 2007-2013

### 36

Fl-erba' Stati Membri kollha, il-fondi (tal-UE u dawk nazzjonali) pprovduti fil-kuntest ta' programmi operazzjonali (b'mod partikolari mill-programmi orizzontali li jittrattaw mal-ambjent) huma s-sors prinċipali ta' finanzjament għal proġetti relatati mal-ilma mormi.

### 37

Il-fondi jitqiesu impenjati mill-Istati Membri taħt programm operazzjonali ladarba tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-għotja għal proġett partikolari. Il-Qorti sabet li, sa tmiem l-2013, ammonti sinifikanti tal-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali disponibbli għal investimenti fit-trattament tal-ilma mormi ma kinux ġew impenjati fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ara t-***Tabella 5***).

### 38

Barra minn hekk, l-analiżi mill-Qorti turi li pagamenti li saru lill-benefiċjarji (rimborż ta' spejjeż imġarrba) kienu f'livell baxx li jindika li x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq ħafna proġetti ma kienx tlesta sa tmiem l-2013. Madankollu, fondi tal-UE li ġew impenjati mill-Kummissjoni iżda li ma ntużawx għal pagamenti mill-Istati Membri fi żmien sentejn (u f'xi każijiet tliet snin) minn meta sar l-impenn tagħhom mhux se jkomplu jkunu disponibbli għall-użu[20].

20 L-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Tabella 5

## Assorbiment tal-fondi rigward investimenti fl-ilma mormi taħt il-programmi operazzjonali 2007–2013 li jittrattaw mal-ambjent (fil-31.12.2013)

| Stat Membru | Fondi impenjati (proġetti approvati) u espressi bħala % tal-baġit | Fondi mħallsa | | Riskju li l-fondi jintilfu |
|---|---|---|---|---|
| | | bħala % tal-baġit | bħala % tal-fondi impenjati | |
| Ir-Repubblika Ċeka | EUR 1 160 miljun<br>60 % u<br>EUR 1 850 miljun[4]<br>95 % | 52 % | 87 % | IVA |
| | | (EUR 1 012-il miljun) | | |
| L-Ungerija[1] | HUF 382 biljun<br>(jew EUR 1 290 miljun)<br>83 % | 23 % | 28 % | IVA |
| | | (HUF 105 biljun jew EUR 354 miljun) | | |
| Ir-Rumanija[2] | EUR 4 439 miljun<br>141 % | 30 % | 21 % | IVA |
| | | (EUR 954-il miljun) | | |
| Is-Slovakkja[3] | EUR 719 miljun<br>86 % | 40 % | 46 % | IVA |
| | | (EUR 332-il miljun) | | |

1 Id-*data* għall-Ungerija hija relatata ma' Mejju 2013. L-ammonti f'HUF issarrfu f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju li ġejja: EUR 1 għall-valur ekwivalenti ta' HUF 296.11 (Mejju 2013).

2 Id-*data* għar-Rumanija hija relatata mal-provvista tal-ilma u l-ilma mormi. Informazzjoni separata mhix disponibbli.

3 Id-*data* għas-Slovakkja hija relatata ma' fondi tal-UE biss filwaqt li għat-tliet Stati Membri l-oħra, hija relatata mal-fondi pubbliċi totali (jiġifieri fondi tal-UE u dawk nazzjonali).

4 Għadd ta' proġetti kienu diġà ġew aċċettati għal kofinanzjament iżda l-ftehim ta' għotja kien għadu ma ġiex iffirmat. B'dawn meħuda inkunsiderazzjoni, 95 % tal-fondi ġew impenjati.

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali kkonċernati.

39
Id-data finali tal-eliġibbiltà għad-dikjarazzjoni tal-infiq lill-Kummissjoni biex tiġi riċevuta l-għotja korrispondenti mill-UE hija l-31.12.2015. Fid-dawl tal-pass tal-implimentazzjoni bil-mod, il-Qorti tikkonkludi li bosta proġetti mhux se jiġu ffinalizzati sa dik id-data ta' skadenza u, mill-2016 'il quddiem, se jkunu jeħtieġu aktar fondi (nazzjonali u/jew tal-UE) biex jiġu kkompletati.

**40**
Il-pass tal-implimentazzjoni bil-mod jimplika riskju li l-fondi tal-UE disponibbli mhux se jiġu assorbiti bis-sħiħ sa tmiem l-2015. Il-Qorti tinnota li proġetti li jistgħu jinqasmu f'fażijiet ta' xogħol separati jistgħu jirċievu fondi taħt il-perjodu tal-programm 2014-2020 għal dawk il-fażijiet li se jiġu implimentati f'dak il-perjodu ta' żmien. Kumplessivament, rigward il-fondi allokati taħt il-perjodu tal-programm 2014-2020 għal investimenti fil-qasam tal-ilma mormi, il-Qorti tikkonkludi li hemm riskju għall-Ungerija u kważi fiż-żgur għar-Rumanija u s-Slovakkja li l-fondi ppjanati għall-perjodu tal-programm 2014-2020 (kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali) mhux se jkunu biżżejjed biex jiżguraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva għal agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. Għaldaqstant, l-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw sorsi ta' finanzjament oħra.

**41**
L-analiżi mill-Qorti wriet ukoll li, fl-erba' Stati Membri kollha, il-kriterji applikati għall-għażla ta' proġetti li kellhom jiġu ffinanzjati taħt il-programmi operazzjonali 2007-2013 għall-ambjent kienu adegwati. Madankollu, jekk u meta agglomerazzjoni ppreżentat proġett jew le kien għad-diskrezzjoni tagħha. Għaldaqstant, waħda mir-raġunijiet għalfejn xi agglomerazzjonijiet ta' daqs akbar (li jeħtieġu trattament aktar strett) għadhom mhumiex konformi mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi hija li l-ebda applikazzjoni għal proġett ma ġiet ippreżentata u għalhekk l-ebda finanzjament ma ntalab.

## Fil-biċċa l-kbira, il-miri għal indikaturi tal-output u tar-riżultati ma ntlaħqux sa tmiem l-2013

**42**
Il-programmi operazzjonali 2007-2013 ippreżentati mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni jinkludu indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effiċjenza u l-effettività tal-fondi minfuqa taħt il-programmi.

**43**
Il-Qorti tinnota li l-miri għall-indikaturi ssettjati fil-programmi oprazzjonali għall-ambjent mhumiex ta' natura li tippermetti wiri tar-rata ta' lħuq tal-miri taħt id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

44
Id-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-miri ssettjati fil-programmi operazzjonali hija l-2015. Is-sitwazzjoni fi tmiem l-2013 hija sitwazzjoni interim iżda turi li ħafna mill-miri kienu għadhom lura milli jintlaħqu (ara t-***Tabella 6***). Is-sitwazzjoni se titjieb fis-sentejn li jifdal billi ħafna proġetti għadhom fil-fażi ta' implimentazzjoni. Minkejja dan, fid-dawl tad-differenzi sinifikanti bejn il-miri ssettjati u l-livelli ta' implimentazzjoni tal-2013, il-Qorti tqis li wħud mill-miri kienu b'mod ċar ottimisti b'mod eċċessiv (pereżempju l-indikatur Nru 2 għar-Repubblika Ċeka u l-indikatur Nru 1 għar-Rumanija).

Tabella 6

## Ilħuq tal-miri fil-31.12.2013 taħt il-programmi operazzjonali 2007–2013 għall-ambjent

| Stat Membru | Indikaturi | Miri għall-2015 | Kisbiet |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 1. Tul ta' netwerks tad-drenaġġ ġodda u riabilitati (km) | 120 | 2 294 (> 100 %) |
| | 2. Għadd ta' impjanti ġodda, riabilitati u intensifikati | 350 | 94 (27 %) |
| | 3. Għadd ta' persuni reċentement konnessi man-netwerk tad-drenaġġ | 741 000 | 459 266 (62 %) |
| L-Ungerija | 1. Għadd ta' unitajiet domestiċi li għandhom il-possibbiltà li ssir konnessjoni man-netwerk tad-drenaġġ | 400 000 | 141 689 (35 %) |
| | 2. Ammont ta' kapaċità maħluqa għal impjanti tat-trattament tal-ilma mormi (f'e.p.) | 3 550 000 | 195 124 (5 %) |
| | 3. Għadd ta' residenti kkonċernati minn proġetti għat-trattament tal-ilma mormi (f'miljun) | 1.3 | 0.2 (15 %) |
| Ir-Rumanija | 1. Għadd ta' impjanti ġodda u riabilitati | 170 | 25 (15 %) |
| | 2. Ilma mormi ttrattat sewwa (% tal-volum totali ta' ilma mormi) | 60 | 35 (58 %) |
| Is-Slovakkja | 1. Għadd ta' impjanti ġodda u riabilitati | 64 | 30 (47 %) |
| | 2. Għadd ta' e.p. konnessi man-netwerk ġdid tad-drenaġġ | 331 295 | 13 883 (4 %) |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali kkonċernati.

## Effettività tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

**45**
Il-valutazzjoni mill-Qorti tkopri 28 impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi u hija bbażata fuq żewġ aspetti:

(a) il-livell ta' prestazzjoni milħuq fir-rigward tat-trattament tal-ilma mormi;

(b) it-trattament tal-ħama tad-drenaġġ prodott b'riżultat tal-proċess ta' trattament tal-ilma mormi.

## Prestazzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

**46**
L-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi li jirċievu ilma mormi minn unitajiet domestiċi u installazzjonijiet industrijali jridu jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni, kif indikat fil-permess tagħhom tal-iskariki tal-ilma mormi, għall-effluwenti skarikati. Il-permess huwa stabbilit abbażi ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali, u l-konformità għandha tiġi żgurata permezz ta' kontrolli regolari mwettqa mill-operaturi tal-impjanti nfushom. Il-limiti ta' konċentrazzjoni permessibbli u l-frekwenza ta' monitoraġġ huma speċifikati fid-Direttiva (ara l-paragrafu 18). L-installazzjonijiet industrijali wkoll għandhom jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għall-ilma mormi skarikat għal ġo netwerks pubbliċi tad-drenaġġ.



Stampi 2 u 3 -—Skariku tal-effluwenti (l-Ungerija-Budapest; ir-Repubblika Ċeka-Blansko)
*Sors:* il-QEA.

**47**
Il-Qorti eżaminat jekk:

- il-monitoraġġ u l-kwalità tal-effluwenti minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi rrispettawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva u/jew tal-permessi nazzjonali tal-iskariki tal-ilma mormi;
- in-netwerks tad-drenaġġ u/jew l-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kinux laħħqu b'mod adegwat max-xita qawwija;
- l-operaturi tal-impjanti kellhomx aċċertament dwar ir-rispett tal-limiti ta' konċentrazzjoni minn installazzjonijiet industrijali li jiskarikaw l-ilma mormi għal ġo netwerk pubbliku tad-drenaġġ;
- il-kapaċità tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi eżaminati kinitx suffiċjenti għall-ħtiġijiet reali;
- l-ispejjeż operattivi ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kinux iġġustifikati fid-dawl tat-tip ta' trattament ipprovdut u d-daqs tal-impjanti.

## Rekwiżiti dwar l-effluwenti tal-UE rrispettati mill-impjanti li għalihom kienu applikabbli

**48**
L-eżaminar mill-Qorti tar-rispett tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' dawk dwar l-effluwenti kien ibbażat fuq l-analiżijiet tal-laboratorju mwettqa mill-operaturi tal-impjanti (awtokontrolli) fl-2012. Dan juri li f'termini ta' frekwenza ta' kampjunar l-impjanti kollha minbarra wieħed irrispettaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.






Stampi 4 u 5 — Kampjuni tal-ilma u riżultati (ir-Repubblika Ċeka-Blansko; l-Ungerija-Budapest)
*Sors:* il-QEA.

49
Il-Qorti nnotat li tliet Stati Membri imponew limiti ta' konċentrazzjoni li, f'xi każijiet, kienu aktar stretti minn dawk imposti mid-Direttiva (ara t-***Tabella 7***). Fiż-żmien tar-rapport, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda pjan li tipproponi aġġornament tal-limiti inklużi fid-Direttiva.

50
Ir-rekwiżiti speċifikati fid-Direttiva rigward l-effluwenti skarikati kienu japplikaw għal 16 mit-28 impjant eżaminat (57 %). Fis-16-il każ kollha kemm huma, ir-rekwiżiti ġew issodisfati (ara t-***Tabella 8***). Barra minn hekk, 25 mit-28 impjant (89 %) irrispettaw il-limiti indikati fil-permessi nazzjonali tagħhom.

Tabella 7

## Dispożizzjonijiet legali nazzjonali rigward limiti ta' konċentrazzjoni li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva

| Stat Membru | Limiti ta' konċentrazzjoni aktar stretti |
|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Id-$DBO_5$, id-DKO, l-SST: għandhom limiti aktar stretti u jeżistu wkoll limiti għal impjanti b'kapaċità ta' taħt l-2 000 e.p. Limiti għall-$P_{tot}$ jeżistu wkoll għal impjanti b'kapaċità ta' bejn 2 000 u 10 000 e.p. |
| L-Ungerija | Id-$DBO_5$, id-DKO, l-SST: jeżistu wkoll limiti għal impjanti b'kapaċità ta' taħt l-2 000 e.p. |
| Ir-Rumanija | L-ebda wieħed ma jmur lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttiva. |
| Is-Slovakkja | Id-DBO5, id-DKO, l-SST: jeżistu wkoll limiti għal impjanti b'kapaċità ta' taħt l-2 000 e.p. |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Tabella 8

## Effluwenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ssettjati fid-Direttiva u fil-permessi

| Stat Membru | Għadd ta' impjanti eżaminati | Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi | | Rispett tal-permess |
|---|---|---|---|---|
| | | Rispettati | Mhux applikabbli | |
| Ir-Repubblika Ċeka | 4 | 4 | | 4 |
| L-Ungerija | 7 | 3 | 4 | 7 |
| ir-Rumanija | 12 | 4 | 8 | 9 |
| Is-Slovakkja | 5 | 5 | | 5 |
| TOTAL | 28 | 16 | 12 | 25 |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA.

51
Fil-każ ta' erba' impjanti fl-Ungerija u tmien impjanti fir-Rumanija, mhux ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva (b'mod partikolari dawk għall-$N_{tot}$ u għall-$P_{tot}$) kienu applikabbli fiż-żmien tar-rapport:

- L-Ungerija għażlet perċentwali ta' tnaqqis fil-pajjiż kollu għan-$N_{tot}$ u għall-$P_{tot}$ aktar milli applikat limiti fil-livell tal-impjanti tat-trattament individwali (ara l-paragrafu 26). Tlieta mill-erba' impjanti kkonċernati kellhom il-kapaċità teknika li jneħħu n-nutrijenti (l-$N_{tot}$ u l-$P_{tot}$) u għaldaqstant li jtejbu l-kwalità tal-effluwenti, iżda ma kinux meħtieġa jagħmlu dan mill-permess nazzjonali;

- Id-data ta' skadenza tar-Rumanija biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva għal agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 10 000 e.p. hija tmiem l-2015. Għal sebgħa minn dawn it-tmien impjanti, xogħlijiet ulterjuri jkunu meħtieġa biex tkun tista' ssir it-tneħħija tan-nutrijenti.

## Is-sitwazzjoni fir-rigward ta' tifwir ma tistax tiġi vvalutata minħabba nuqqas ta' informazzjoni kwantifikata

52
Jekk waqt xita qawwija l-kapaċità ta' netwerk tad-drenaġġ u ta' impjant tat-trattament ma tkunx suffiċjenti jista' jseħħ hekk imsejjaħ tifwir, fejn mhux biss l-ilma tax-xita iżda wkoll ilma mormi mhux ittrattat jiġi direttament skarikat għal ġo korp tal-ilma, u dan għandu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ilma. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fejn in-netwerk tad-drenaġġ għandu ġbir ikkombinat, għaldaqstant jiġbor ilma tax-xita skulat kif ukoll ilma mormi domestiku u industrijali (ara l-***Figura 1***). Għal 20 mit-28 impjant eżaminat (71 %) in-netwerk tad-drenaġġ kien prinċipalment jew kompletament ikkombinat. Il-Qorti tirrikonoxxi li, f'xi każijiet, għal raġunijiet tekniċi marbuta mal-istruttura tan-netwerks tad-drenaġġ, il-muniċipalitajiet ma jistgħux jistabbilixxu netwerk separat (is-separazzjoni tal-ilma mormi u l-ilma tax-xita).

Figura 1

## Immaġni ta' tifwir waqt xita qawwija




© Green Learning Station, Civic Garden Center of Greater Cincinnati, "Diagram of Combined Sewer System" (Dijagramma ta' Sistema Kkombinata ta' Drenaġġi).

**53**

Skont id-Direttiva, l-Istati Membri kellhom jiddeċiedu dwar miżuri biex jillimitaw it-tniġġis tal-ilma minn tifwir bħal: speċifikazzjoni tar-rati ta' dilwizzjoni[21] jew għadd aċċettabbi ta' tifwir fis-sena jew il-kapaċità għaċ-ċirkulazzjoni ta' temp xott[22]. B'mod ġenerali, l-impjanti tat-trattament eżaminati jkollhom tankijiet tal-ilma tal-maltemp fil-bini tagħhom fejn l-ilma dieħel li jaqbeż il-kapaċità tal-impjant ikun jista' jinħażen u jiġi rilaxxat lill-impjant għal trattament ladarba jkun għadda l-perjodu ta' maltemp. Fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' tifwir tal-perjodu ta' maltemp fil-livell tat-28 impjant, il-Qorti sabet li:

- il-volum ta' tifwir kien tkejjel mill-operaturi tal-impjanti u baqa' f'livell aċċettabbli (bejn 1 % sa 5 % tad-dħul annwali ta' ilma mormi) fi tmien każijiet (29 %);

- ma kien hemm l-ebda tifwir skont l-operaturi tal-impjanti f'14-il każ (50 %);

- ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli billi ma kien sar l-ebda kejl f'sitt każijiet (21 %).

21 Ir-relazzjoni bejn il-kwantità tal-ilma mormi u l-kwantità tal-ilma tax-xita.

22 Iċ-ċirkulazzjoni li impjant għandu jkun kapaċi jittratta f'perjodu ta' temp xott, għaldaqstant meta ma jkunx hemm xita.

54
Madankollu, dawn iċ-ċifri jridu jiġu ttrattati b'attenzjoni billi hemm possibbiltajiet ta' tifwir anke fil-livell tan-netwerk tad-drenaġġ tal-ilma, u għaldaqstant diġà jista' jitnaqqas l-ilma li jilħaq l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi. Informazzjoni kwantifikata dwar it-tifwir li jseħħ fil-livell tan-netwerk tad-drenaġġ ma kienet disponibbli fl-ebda wieħed mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara.

55
Il-Qorti nnotat ukoll li fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fir-Rumanija ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali, la għal għadd jew volum ammissibbli ta' tifwir u lanqas għal proporzjon ta' dilwizzjoni. Fis-Slovakkja rekwiżiti bħal dawn jeżistu u jiddeterminaw id-daqs meħtieġ tal-kompartimenti ta' tifwir. Madankollu, la l-volum u lanqas il-proporzjon ta' dilwizzjoni tat-tifwir ma jridu jiġu mmonitorjati.

56
Fl-2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi studju dwar il-konformità tad-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tal-UE għal tifwir kif stipulati fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi tal-1991.

## 85 % tal-operaturi tal-impjanti wettqu kontrolli fuq il-post dwar ir-rispett tal-limiti ta' konċentrazzjoni minn installazzjonijiet industrijali

57
Installazzjonijiet industrijali jistgħu jiskarikaw l-ilma mormi tagħhom għal ġo netwerk pubbliku tad-drenaġġ għal trattament minn impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi. Skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, skariku bħal dan kellu jsir suġġett mill-Istati Membri għal regolamentazzjoni preċedenti u/jew awtorizzazzjoni speċifika.

58
Sabiex jiżguraw li l-proċessi ta' trattament ma jkunux imfixkla minn ċerti materjali li jniġġsu u li l-iskariki minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi ma jkunx fihom materjali li jniġġsu u li jagħmlu ħsara lilll-ambjent, l-installazzjonijiet industrijali jridu jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għal għadd ta' materjali li jniġġsu. F'termini ta' dispożizzjonijiet legali, is-sitwazzjoni tvarja skont l-Istat Membru: fl-Ungerija u fir-Rumanija hemm limiti ssettjati għal għadd ta' parametri, u fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja l-limiti ssettjati għal sustanzi minbarra dawk partikolarment perikolużi huma biss għal finijiet ta' gwida. Imbagħad, huwa l-operatur tan-netwerk tad-drenaġġ/tal-impjant tat-trattament li jiddefinixxi limiti ta' konċentrazzjoni fir-regoli tal-operat tiegħu.

59
Ir-relazzjoni bejn l-operatur ta' netwerk tad-drenaġġ u installazzjoni industrijali partikolari hija rregolata minn kuntratt li jista' wkoll jissettja limiti ta' konċentrazzjoni li huma aktar stretti minn dawk meħtieġa legalment.

60
Fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fir-Rumanija, (ara t-***Tabella 9***) installazzjonijiet industrijali li jiskarikaw l-ilma mormi għal ġo netwerk pubbliku tad-drenaġġ huma obbligati bil-liġi jwettqu awtokontrolli fuq l-effluwenti tagħhom. Ġeneralment, ir-riżultati jiġu ppreżentati lill-operatur. Fir-Rumanija ma hemm l-ebda rekwiżit legali rigward ir-rappurtar tar-riżultati[23] iżda l-operaturi tal-impjanti jistgħu jinkludu rekwiżit bħal dan fil-kuntratti.

61
Il-Qorti tinnota li hemm żewġ modi kif l-operatur ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi jista' jivvaluta l-affidabbiltà tal-kontrolli mwettqa mill-installazzjonijiet industrijali (ara t-***Tabella 9***):

- il-kampjuni tal-ilma tal-installazzjonijiet industrijali għandhom jiġu analizzati minn laboratorji akkreditati: id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali ma kinux jinkludu rekwiżit bħal dan. Madankollu, l-operatur jista' jinkludi rekwiżit bħal dan fil-kuntratt mal-installazzjonijiet industrijali;

- l-operatur iwettaq kontrolli fuq il-post: fir-Repubblika Ċeka, fir-Rumanija u fis-Slovakkja d-dispożizzjonijiet legali jinkludu rekwiżit bħal dan.

23 Bl-eċċezzjoni ta' laboratorji u entitajiet fil-qasam mediku u dak veterinarju.

Tabella 9

## Dispożizzjonijiet legali nazzjonali fir-rigward tal-kontrolli ta' ilma industrijali mormi skarikat għal ġo netwerk tad-drenaġġ

| Stat Membru | Rekwiżit biex l-installazzjonijiet industrijali jwettqu awtokontrolli | Rekwiżit biex il-kontrolli jsiru minn laboratorji akkreditati | Rekwiżit biex l-operaturi tal-impjanti jwettqu kontrolli fuq il-post fl-installazzjoni industrijali |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Iva | Le | Iva<br>(frekwenza mhux determinata) |
| L-Ungerija | Iva | Le (minbarra xi tipi ta' installazzjonijiet) | Le |
| Ir-Rumanija | Iva | Le | Iva<br>(frekwenza mhux determinata) |
| Is-Slovakkja | Le | Le | Iva<br>(inkluża frekwenza minima) |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

62
L-evalwazzjoni mill-Qorti kienet ibbażata, għal kampjun ta' skarikaturi industrijali skont l-impjant, fuq analiżijiet tal-laboratorju mwettqa mill-operaturi nfushom u fuq l-analiżijiet li l-operaturi rċevew mill-iskarikaturi industrijali. Ġiet ukoll eżaminata informazzjoni li tikkonċerna kwalunkwe multa imposta.

63
Mit-28 impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi eżaminat mill-Qorti, 26 kienu jittrattaw l-ilma industrijali mormi. Għal 22 mis-26 impjant tat-trattament (85 %) l-operaturi wettqu kontrolli fuq il-post. Għal tlieta mill-erba' impjanti li kien jifdal, l-operaturi kellhom ir-riżultati tal-awtokontrolli mwettqa mill-iskarikaturi industrijali kif analizzati minn laboratorji akkreditati.

64
Jekk installazzjoni industrijali taqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni tagħha, tiġi imposta multa mill-operaturi tal-impjant tat-trattament: fl-Ungerija u fir-Rumanija l-multa (ammont li jvarja skont is-sustanza li tniġġes) tiġi ssettjata fid-dispożizzjonijiet legali nazzjonali filwaqt li, fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja, il-kuntratt bejn l-operatur u l-installazzjoni industrijali jissettja l-ammont li għandu jitħallas talli jkunu nqabżu l-limiti ta' konċentrazzjoni. Filwaqt li għall-Ungerija u r-Rumanija l-multa hija relatata mal-kwantità ta' tniġġis[24] skarikata bejn żewġ qisien ta' kejl (f'sena), fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja l-ammont ikkalkolat ġeneralment kien jirreferi għall-kwantità ta' tniġġis skarikata dakinhar li sar il-kejl[25]. Il-Qorti tqis li f'każijiet bħal dawn l-ammont dovut x'aktarx li jkun żgħir u l-effett ta' deterrent ikun limitat.

## Madwar terz tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati huma kbar b'mod eċċessiv

65
Il-Qorti vvalutat l-utilizzazzjoni tal-kapaċità espressa f'e.p. (jiġifieri l-kapaċità li jiġi ttrattat ċertu piż tat-tniġġis)[26] u sabet li 9 mit-28 impjant eżaminat (32 %) joperaw f'livell ta' inqas minn 50 % tal-kapaċità tagħhom (ara l-***Figura 2***). Disa' impjanti oħra (32 %) joperaw f'livell ta' bejn bejn 51 % u 60 % tal-kapaċità tagħhom. B'mod partikolari, dan huwa problema fir-Rumanija fejn 8 minn 12-il impjant qed joperaw f'livell ta' kapaċità ta' inqas minn 50 %. Investiment f'impjanti b'kapaċità eċċessiva sinifikanti mhuwiex użu effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji skarsi, sew jekk dawn tal-aħħar ikunu tal-UE u sew jekk ikunu nazzjonali.

66
L-evalwazzjoni mill-Qorti ta' indikatur ieħor jikkorrobora din il-valutazzjoni: fir-rigward tal-kapaċità idrawlika (jiġifieri d-dħul tal-ilma espress f'l/sek u/jew $m^3$/siegħa) 16 mit-28 impjant eżaminat (57 %) joperaw f'livell ta' inqas minn 60 % tal-kapaċità tagħhom. Din l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq tqabbil bejn id-dħul tal-ilma ($m^3$) u l-kapaċità medja tal-impjant (f'temp xott)[27].

24 Din tikkorrispondi għall-kwantità skarikata lil hinn mill-kwantità approvata (volum immultiplikat b'konċentrazzjoni espressa pereżempju f'mg/l).

25 Ġeneralment, il-kuntratti jispeċifikaw perjodu standard ta' żmien (li jvarja minn 5 ijiem sa 30 jum skont il-kuntratti) għall-każ fejn ma jistax jiġi speċifikat il-perjodu preċiż ta' żmien li matulu nqabżu l-limiti ta' konċentrazzjoni.

26 Tqabbil bejn il-piż tat-tniġġis (espress f'e.p.) realment ittrattat f'sena u t-toqol tat-tniġġis li impjant jista' jittratta (ara l-***Anness II***, il-kolonna "Kapaċità mfassla f'e.p.").

27 Billi d-dħul tal-ilma jista' jinkludi ilma mormi iżda wkoll ilma ċar (jiġifieri ilma tax-xita u ilma ta' taħt l-art li ma jeħtieġu l-ebda trattament) l-ammont tal-ilma ċar ittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità.

Figura 2

## Utilizzazzjoni tal-kapaċità espressa f'e.p.




*Sors:* L-analiżi mill-QEA.

**67**
Barra minn hekk il-Qorti sabet li għal 22 mit-28 impjant eżaminat (79 %) l-ammont tal-ilma ċar (jiġifieri ilma tax-xita u ilma ta' taħt l-art) fid-dħul totali tal-ilma kien ta' 'l fuq minn 30 % (minn 32 % sa 85 %). Dan iżid l-utilizzazzjoni tal-kapaċità idrawlika: l-ilma ċar huwa parti mid-dħul tal-ilma iżda ma jeħtieġ l-ebda trattament. F'dak ir-rigward:

- il-Qorti tirrikonoxxi li jista' jkun hemm ċertu kwantità ta' ilma tax-xita skulat lejn l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi billi networks tad-drenaġġ ikkombinati flimkien mhux neċessarjament jistgħu jiġu sostitwiti b'networks separati (ara l-paragrafu 52);
- madankollu, ir-rati ta' infiltrazzjoni mill-ilma ta' taħt l-art jistgħu jitnaqqsu permezz ta' riabilitazzjoni tan-networks billi ssir restawrazzjoni tat-tqalfit tan-networks u tat-toqob tal-ispezzjonar. Li kieku dawn ix-xogħlijiet ittieħdu inkunsiderazzjoni meta kien qed jitfassal l-impjant, il-kapaċità idrawlika meħtieġa tal-impjant setgħet titnaqqas, f'xi każijiet b'mod sinifikanti (ara l-***Kaxxa 2***).



Stampa 6 — Parti mill-infrastruttura li rarament tintuża (ir-Rumanija-Galati)
*Sors:* Il-QEA.

Kaxxa 2

### Eżempju ta' ammont importanti tal-ilma ta' taħt l-art li jgħaddi minn impjant tat-trattament

Għal impjant wieħed fir-Rumanija, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità idrawlika tinsab f'firxa ta' 60 % sa 85 %. Madankollu, madwar nofs l-ilma li jilħaq l-impjant huwa ilma ta' taħt l-art li ma jeħtieġ l-ebda trattament. Li kieku n-netwerk tad-drenaġġ kien aktar reżistenti għad-dħul tal-ilma, kieku inqas ilma ta' taħt l-art jidħol fin-netwerk tad-drenaġġ u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità idrawlika tonqos għal madwar 40 %. Bi tqabbil ma' dan, għal xi impjanti fil-kampjun l-infiltrazzjoni mill-ilma ta' taħt l-art kienet tirrappreżenta biss 10 % sa 20 % tad-dħul totali tal-ilma.

**68**
Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-impjanti għandhom pjanijiet għal żieda futura fl-għadd ta' persuni konnessi, dawn il-konnessjonijiet ġodda huma ftit fl-għadd u għaldaqstant mhux se jibdlu b'mod sinifikanti l-perċentwal tal-kapaċità utilizzata. Barra minn hekk, filwaqt li l-attività industrijali tista' terġa' tiżdied fit-terminu twil huwa mistenni li installazzjonijiet industrijali ġodda jiġu mgħammra bis-sistemi tagħhom stess tat-trattament tal-ilma mormi.

### Ambitu għat-tnaqqis ta' ċerti spejjeż operattivi

**69**
L-ispejjeż operattivi[28] jistgħu jkunu indikatur tal-effiċjenza operazzjonali tal-assi kkofinanzjati u għandhom rwol fl-issettjar tat-tariffa tal-ilma. Għalhekk, il-Qorti għamlet tqabbil tal-ispejjeż tal-2012 abbażi tal-informazzjoni kontabilistika riċevuta għat-28 impjant eżaminat.

28 Is-somma tal-ispejjeż li ġejjin: l-ispiża tax-xogħol, l-ispiża għall-materjali (inkluża l-ispiża għall-kimiki), l-ispiża tal-enerġija, l-ispiża tat-trasport u tal-ħama tar-rimi tiegħu u spejjeż oħra. Fil-kategorija "spejjeż oħra" tqiesu biss l-ispejjeż tal-manutenzjoni esternalizzati u l-ispejjeż għall-analiżi tal-laboratorju esternalizzata. Pereżempju l-ispiża tad-deprezzament ma ġietx inkluża.

**70**
L-ispejjeż operattivi huma influwenzati mit-tip ta' trattament ipprovdut (trattament aktar strett jimplika spiża ogħla) u mid-daqs tal-impjant. Madankollu, it-tqabbil juri li hemm differenzi importanti fost l-impjanti (ara l-***Figura 3***).

Figura 3

## Spejjeż operazzjonali (f'EUR/e.p.) skont l-impjant




*Noti:* Żewġ impjanti ġew esklużi billi kienu jippreżentaw elementi li jfixklu t-tqabbil.
Impjanti li kellhom trattament aktar strett stabbilit iżda ma kinux jirrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni tad-Direttiva ġew inklużi fil-kategorija "trattament sekondarju".

*Sors:* L-analiżi mill-QEA.

**71**
Il-Qorti tinnota li hemm lok għat-tnaqqis tal-ispejjeż operattivi ta' bosta mill-pjanti eżaminati kif muri mill-eżempji li ġejjin:

- rigward l-ispiża tat-trasport u tal-ħama tar-rimi tiegħu, hemm varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezzijiet fost it-28 impjant eżaminat. F'disa' każijiet l-ispiża kienet ta' 'l fuq minn EUR 100 għal kull tunnellata ta' materjal solidu niexef u f'sitt każijiet l-ispiża kienet ta' bejn EUR 50 u EUR 100 għal kull tunnellata. Il-prezz għal dan l-element ta' spiża għandu rwol importanti billi s-sehem tiegħu fl-ispiża totali tal-operat tal-impjant jista' jkun sinifikanti (medja ta' madwar 10 % iżda f'każijiet estremi li jitla' għal 30 % jew 50 %);

- l-ammont tal-enerġija jirrappreżenta medja ta' madwar 30 % tal-ispiża totali għat-28 impjant eżaminat. F'nofs il-każijiet l-impjanti tat-trattament kienu qed jużaw ħama tad-drenaġġ għall-produzzjoni tal-enerġija, ġeneralment permezz ta' diġestjoni anaerobika. Fil-biċċa l-kbira minn dawn il-każijiet l-ammont tal-enerġija fl-ispiża totali kien taħt il-medja ta' 30 %;

- f'dak ir-rigward, f'rapport tal-2014[29] l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikkonkludiet li l-użu ta' indikaturi għall-kejl tal-prestazzjoni tal-utilitajiet tal-ilma madwar l-Ewropa jtejjeb b'mod sinifikanti l-fehim tal-isfidi involuti fir-rigward tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Tqabbil ta' indikaturi bħal dawn ikun jista' jiffurma b'mod utli l-bażi għal eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva.

## Użu tal-ħama prodott minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

**72**

It-trattament tal-ilma mormi jirriżulta fil-produzzjoni ta' ħama tad-drenaġġ. Il-ħama tad-drenaġġ jitqies bħala skart taħt id-Direttiva dwar l-Iskart[30]. Skont din id-Direttiva, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart għandu jiġi ppreferut mir-rimi tal-iskart permezz ta' rimi f'radam (miżbla), inċinerazzjoni jew ħżin permanenti[31]. L-UE tħeġġeġ l-użu tal-ħama tad-drenaġġ fl-agrikoltura bħala fertilizzant.



Stampa 7 — Ħama tad-drenaġġ prodott (ir-Repubblika Ċeka-Blansko)
*Sors:* Il-QEA.

29 Ir-Rapport Tekniku Nru 5/2014 "Performance of water utilities beyond compliance" (Prestazzjoni tal-utilitajiet tal-ilma lil hinn mill-konformità).

30 Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

31 Ġerarkija tal-iskart introdotta mill-Artikolu 4 tad-Direttiva Nru 2008/98/KE.

73
Il-Qorti eżaminat jekk:

- il-ħama ntużax mill-ġdid minflok ma ntrema;
- l-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kinux ikkonformaw mal-limiti ta' konċentrazzjoni għal ċerti parametri tal-ħama tad-drenaġġ, b'mod partikolari metalli tqal;
- ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti dwar dan is-suġġett kinux ġew implimentati mill-Kummissjoni.

## Ħama tad-drenaġġ użat mill-ġdid aktar milli mormi fi tlieta mill-erba' Stati Membri

74
L-evalwazzjoni mill-Qorti tat-28 impjant tat-trattament kopriet il-produzzjoni tal-ħama[32] tal-2012 u kienet ibbażata fuq reviżjoni tal-arranġamenti kuntrattwali bejn l-operaturi tal-impjanti u l-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-iskart u *data* kontabilistika rilevanti. L-awditu ma kienx jinkludi żjarat lill-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-iskart li kienu jieħdu l-ħama prodott biex jiġi żgurat it-trattament xieraq tiegħu minn dawn il-kumpaniji.

75
Il-Qorti sabet li fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fis-Slovakkja, ġeneralment l-impjanti kellhom kuntratti ma' kumpanija waħda jew aktar, tal-immaniġġjar tal-iskart, li jew kienu jittrattaw il-ħama huma nfushom jew inkella kienu jittrasferixxuh lil utenti oħra. Skont il-kuntratti, il-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-iskart fil-biċċa l-kbira użaw il-ħama għall-produzzjoni tal-kompost, għar-rikultivazzjoni jew għall-produzzjoni tal-bijogass.

76
Fir-Rumanija, il-ħama kollu jew parti minnu ta' 11 mit-12-il impjant eżaminat jintrema f'miżbla u/jew jinżamm fuq il-post. Iż-żamma tal-ħama fuq il-post mhijiex sostenibbli fuq bażi ta' terminu twil.

77
Skont l-Istrateġija Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Iskart (2003-2013) tar-Rumanija, 50 % tal-ħama għandu jintuża fl-agrikoltura jew jiġi inċinerat sal-2020. Strateġija ġdida għall-Immaniġġjar tal-Ħama tad-Drenaġġ ġiet ippreżentata mill-awtoritajiet Rumeni fi Frar 2012 iżda kienet għadha ma ġietx approvata fiż-żmien tal-awditu.

78
Fi tmiem l-2012, l-Istati Membri pprovdew *data* lill-Kummissjoni dwar l-użu tal-ħama tad-drenaġġ. Din id-*data* tikkonferma li l-użu mill-ġdid huwa l-għażla ppreferuta għal tlieta mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara (ara l-***Figura 4***).

32 Il-ħama prodott mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati fl-erba' Stati Membri jirrappreżenta l-ammont li ġej tal-produzzjoni totali tal-ħama: 0.78 % fir-Repubblika Ċeka, 45 % fl-Ungerija, 52 % fir-Rumanija and 10 % fis-Slovakkja.

Figura 4

### Użu tal-ħama tad-drenaġġ fil-31.12.2012 espress f'perċentwal tal-ħama prodott totali




*Noti:* Fl-2012, fir-Repubblika Ċeka, madwar 32 % tal-ħama ntuża għall-produzzjoni tal-kompost (kategorija: użu mill-ġdid: oħrajn). Fis-Slovakkja, fl-2012, 63 % tal-ħama ntuża għall-produzzjoni tal-kompost (kategorija: użu mill-ġdid: ħamrija u agrikoltura). Għar-Rumanija, il-kategorija "rimi: oħrajn" tinkludi ħżin temporanju fuq il-post.

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tad-data pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

## Il-limiti ta' konċentrazzjoni applikabbli ġew rispettati fil-maġġoranza tal-każijiet

**79**

Skont id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ li tittratta mal-użu tal-ħama fuq ħamrija agrikola, l-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jridu jimmonitorjaw[33] il-kontenut tal-ħama biex jiżguraw li l-limiti ta' konċentrazzjoni jiġu rispettati, b'mod partikolari għal metalli tqal.

**80**

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali jistgħu jmorru lil hinn mid-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ billi jinkludu aktar parametri u limiti aktar stretti, u jistgħu jissettjaw limiti ta' konċentrazzjoni għall-użu minbarra dak fuq il-ħamrija agrikola. L-analiżi mill-Qorti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali turi li:

- meta l-ħama jintuża fl-agrikoltura, il-limiti ssettjati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-erba' Stati Membri kollha kemm huma kienu għal ħafna parametri aktar stretti minn dawk imposti mid-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ. L-erba' Stati Membri ssettjaw ukoll limiti għal parametri addizzjonali bħal pereżempju l-arseniku;

- meta l-ħama jintuża bħala materjal tal-input għall-produzzjoni tal-kompost, limiti għall-materjal tal-input jeżistu fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja fil-forma ta' norma teknika;

33 L-Artikolu 9 u l-Anness II tad-Direttiva Nru 86/278/KEE jispeċifikaw il-parametri, il-limiti ta' konċentrazzjoni u l-għadd annwali ta' kampjuni li jridu jgħaddu minn analiżijiet tal-laboratorju.

- għar-rimi f'miżbla, Deċiżjoni tal-Kunsill[34] tal-2002 issettjat valuri tal-limiti ta' lissija għal skart aċċettabbli f'miżbliet. Huwa nnotat li skont id-dispożizzjonijiet legali Ċeki, skart bijodegradabbli minbarra skart u likwidu muniċipali u skart li jirrilaxxa l-likwidi (għaldaqstant li jinkludi l-ħama) ma jistax jintrema f'miżbla[35]. Ir-rimi f'miżbla huwa permess fl-Ungerija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja.

**81**
Billi l-ħama tad-drenaġġ jista' jintuża bħala materjal tal-input għall-produzzjoni tal-kompost, il-Qorti analizzat ukoll id-dispożizzjonijiet legali stabbiliti għall-użu tal-kompost u tinnota li s-sitwazzjoni tvarja skont l-Istat Membru, billi bħalissa ma hemm l-ebda limitu ta' konċentrazzjoni ssettjat fil-livell tal-UE (ara t-***Tabella 10***).

34 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kriterji u proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' skart f'terraferma artifiċjali skont l-Artikolu 16 ta' u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31/KE (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 27).

35 Vyhláška 294/2005 Sb (id-Digriet 294/2005 Sb).

Tabella 10

## Dispożizzjonijiet legali dwar il-limiti ta' konċentrazzjoni għall-kompost

| Ir-Repubblika Ċeka | L-Ungerija | Ir-Rumanija | Is-Slovakkja |
|---|---|---|---|
| Iva<br>- kompost fuq ħamrija agrikola<br>- kompost użat għar-rikultivazzjoni<br>- kompost imqiegħed fis-suq bħala fertilizzant | Iva<br>- kompost imqiegħed fis-suq bħala fertilizzant<br><br>L-ebda regola għar-rikultivazzjoni jew għall-użu fuq ħamrija mhux agrikola | L-ebda waħda | Iva<br>- kompost imqiegħed fis-suq bħala fertilizzant<br><br>L-ebda regola għar-rikultivazzjoni jew għall-użu fuq ħamrija mhux agrikola |

*Sors:* L-analiżi mill-QEA tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

**82**
L-eżaminar mill-Qorti tal-konformità mal-limiti ta' konċentrazzjoni mit-28 impjant tat-trattament kien ibbażat fuq l-analiżijiet tal-laboratorju mwettqa mill-operaturi tal-impjanti fl-2012. Juri li l-limiti, meta kienu jeżistu (ara l-paragrafu 80), ġew rispettati mill-impjanti kollha fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fis-Slovakkja. Fir-Rumanija l-limiti ġew rispettati minn wieħed minn tliet impjanti (33 %) fejn il-ħama ntuża fuq ħamrija agrikola. Għaż-żewġ impjanti l-oħra l-analiżijiet ma koprewx il-parametri kollha. Barra dan, sitta minn seba' impjanti (86 %) li jibagħtu l-ħama fil-miżbliet ma rrispettawx il-limitu għall-kontenut niexef. Barra minn hekk, għal tlieta mis-seba' impjanti (43 %) l-analiżijiet ma koprewx il-parametri kollha.

**83**
In-nuqqas ta' limiti għall-ħama u għall-kompost għal ċerti tipi ta' użu (rikultivazzjoni, ħamrija mhux agrikola) jista' joħloq theddida għall-kwalità tal-ħamrija u sussegwentement għall-kwalità tal-ilma permezz ta' skol u drenaġġ. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' kriterji madwar l-UE kollha biex il-kompost jitqiegħed fis-suq bħala fertilizzant, jimplika li protezzjoni ekwivalenti tal-ambjent ma tistax tiġi żgurata madwar l-UE kollha. Barra dan, kif iddikjarat fi studju mwettaq f'isem il-Kummissjoni, il-kwalità baxxa tal-kompost f'xi pajjiżi ġiet identifikata bħala l-ostaklu prinċipali għal żvilupp ulterjuri tas-suq[36].

36 Valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-issettjar ta' miri ta' riċiklaġġ tal-bijoskart fl-UE, inklużi aspetti tas-sussidjarjetà, ir-rapport finali ddatat il-31.3.2011, prodott taħt il-Kuntratt qafas ENV.G.4/FRA/2008/0112 minn Vito Vision on Technology f'assoċjazzjoni ma' Bio Intelligence Service u ARCADIS.



Stampa 8 — Tagħmir tal-laboratorju għat-twettiq ta' testijiet f'impjant tat-trattament (l-Ungerija-Szeged)
*Sors:* Il-QEA.

## L-aġġornament tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ qed jistenna reviżjoni mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti

**84**

Fir-Rapport Speċjali Nru 3/2009[37] tagħha, il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha tqis jekk wasalx iż-żmien xieraq għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ. Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni komprensiva[38] ta' bosta Direttivi dwar il-Fluss ta' Skart, inkluża d-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, biex tiddetermina jekk il-qafas regolatorju huwiex adatt għall-użu intenzjonat tiegħu. L-evalwazzjoni tal-2014 ikkonkludiet li d-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ tqajjem dubji dwar ir-rilevanza tagħha fil-forma preżenti tagħha. Fi kważi 30 sena, l-istandards u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva qatt ma ġew riveduti jew aġġornati. Hija tikkonkludi wkoll li kwalunkwe deċiżjoni futura dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha tiġi posposta sal-adozzjoni ta' Regolament dwar il-Fertilizzanti[39] rivedut.

**85**

Fl-2010, evalwazzjoni *ex-post*[40] tal-funzjonament tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti attwali kkonkludiet li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament għandu jiġi estiż biex ikopri mhux biss fertilizzanti inorganiċi iżda wkoll fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija. Hija pproponiet ukoll l-introduzzjoni ta' limiti massimi għal kontaminanti preżenti fil-fertilizzanti. Fl-2015, il-Kummissjoni qed tirrifletti dwar jekk għandhiex tipproponi Regolament dwar il-Fertilizzanti rivedut.

**86**

Fl-2012, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni ppreżenta r-riżultati ta' eżerċizzju pan-Ewropew ta' tgħarbil dwar l-okkorrenza u l-livelli ta' komposti magħżula fil-ħama tad-drenaġġ. Skont ir-rapport ma hemm l-ebda evidenza xjentifika għall-introduzzjoni ta' valuri limiti ġodda għal materjali organiċi klassiċi li jniġġsu jew għal materjali emerġenti li jniġġsu bl-eċċezzjoni ta' sustanzi perfluworoalkiliċi[41].

37 Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2009 dwar l-effettività tal-infiq tal-miżuri strutturali fuq it-trattament tal-ilma mormi għall-perjodi ta' programm 1994-99 u 2000-06 (http://eca.europa.eu).

38 SWD (2014) 209 final tat-2 ta' Lulju 2014, "Ex-post evaluation of five Waste Stream Directives" (Evalwazzjoni *ex-post* ta' ħames Direttivi dwar il-Fluss ta' Skart).

39 Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1).

40 Ir-rapport finali "Evaluation of Regulation (EC) 2003/2003 relating to fertilisers" (Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 dwar il-fertilizzanti) prodott għall-Kummissjoni miċ-Ċentru għas-Servizzi ta' Strateġija u Evalwazzjoni ddatat Novembru 2010.

41 Kimiki sintetiċi tossiċi.

87
Dokumenti u studji oħra[42] jirreferu għar-riskji potenzjali relatati mal-mikroplastik. Il-mikroplastik jista' jitneħħa sa ċertu grad f'impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, u mbagħad, il-partijiet imneħħija jispiċċaw fil-ħama. Meta l-ħama jintuża fuq l-art, il-mikroplastik jista' jispiċċa fl-ambjent akkwatiku permezz ta' skol mill-art.

88
Fir-rigward tal-kompost, fir-Rapport Speċjali Nru 20/2012[43], il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa mal-Istati Membri standards ta' kwalità tal-UE biex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' suq tal-kompost. Kmieni fl-2014, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni ppubblika proposta teknika għal kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart[44] għal skart bijodegradabbli suġġett għal trattament bijoloġiku. Madankollu, l-istudju pproponа li jiġi eskluż il-ħama tad-drenaġġ bħala materjal ta' kompost u diġestat. Wieħed għad irid jara jekk u kif il-proposta rigward ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti se tintroduċi l-kriterji proposti u jekk hijiex se tintroduċi mekkaniżmu għal inklużjoni gradwali ta' kategoriji li mhumiex koperti mill-proposta teknika, bħall-ħama tad-drenaġġ.

## Sostenibbiltà finanzjarja tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

89
Element ewlieni għall-iżgurar tas-sostenibbiltà finanzjarja tas-servizzi tal-ilma huwa l-irkupru tal-ispejjeż. Is-sostenibbiltà finanzjarja tiġi żgurata meta d-dħul mill-għoti ta' servizzi huwa biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż operattivi u tal-manutenzjoni u biex jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-kapital u għaldaqstant jippermetti t-tiġdid tal-investimenti. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (l-Artikolu 9) talbet lill-Istati Membri jiżguraw sal-2010 kontribut adegwat tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma. Huwa permezz tal-ipprezzar tal-ilma mormi (tariffa) li l-utenti tas-servizzi tal-ilma mormi se jikkontribwixxu għall-irkupru tal-ispejjeż. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas[45] jimplika li min iniġġes (f'dan il-każ dawk li jiskarikaw ilma mormi bħal unitajiet domestiċi u installazzjonijiet industrijali) huma responsabbli mit-tniġġis li kkawżaw u għalhekk għandhom iġarrbu l-ispejjeż tat-tnaqqis ta' dan it-tniġġis (f'dan il-każ permezz ta' trattament tal-ilma mormi).

90
Billi l-ilma mhuwiex prodott kummerċjali bħalma huwa kwalunkwe prodott kummerċjali ieħor, it-tariffi jiġu kkalkolati abbażi ta' mekkaniżmi tal-issettjar tal-prezzijiet li ġeneralment huma previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

42 Ara pereżempju: 1) L-istudju pilota mwettaq mill-Alfred-Wegener-Institut, l-istqarrija għall-istampa tat-30.10.2014 (www.awi.de) u 2) Id-dokument dwar riskju potenzjali tal-mikroplastik fl-ambjent tal-ilma ħelu, ippubblikat fid-29.9.2013 fuq www.stowa.nl (Stichting Toegepast Onderzoek Waterbeheer).

43 Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2012 "Il-finanzjament minn miżuri strutturali għal proġetti infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali huwa effettiv biex jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-objettivi għall-politika tal-UE dwar l-iskart?" (http://eca.europa.eu).

44 Kriterji li ċertu skart speċifikat għandu jissodisfa sabiex ma jibqax jitqies bħala skart.

45 L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-verżjoni kkonsolidata).

## 91

Meta jkunu qed jiddeterminaw it-tariffa tal-ilma mormi, l-Istati Membri jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi[46] fi sforz biex jiżguraw li s-servizzi tal-ilma jibqgħu affordabbli. Il-gwida tal-Kummissjoni[47] tirreferi għal 4 % tad-dħul tal-familji bħala proporzjon ta' affordabbiltà aċċettat b'mod komuni, jiġifieri l-kont totali tal-ilma (ilma tajjeb għax-xorb u ilma mormi) jista' jirrappreżenta 4 % tal-introjtu tal-familji.

## 92

Kemm għall-perjodu tal-programm 2000-2006 kif ukoll dak tal-2007-2013, il-gwida tal-Kummissjoni[48] kienet tirrikjedi li t-tariffi tal-ilma jkopru mill-inqas l-ispejjeż operattivi u tal-manutenzjoni, kif ukoll parti sinifikanti mill-imposta tad-deprezzament fuq l-assi. Id-deprezzament jista' jitqies bħala indikatur tal-ispiża meħtieġa għat-tiġdid tal-infrastruttura fil-futur.

## 93

Għall-perjodu tal-programm 2014-2020, ir-rispett tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż sar obbligatorju permezz tal-ħtieġa li tiġi ssodisfata kundizzjonalità *ex ante*. Dan ifisser li l-approvazzjoni tal-programmi operazzjonali għall-perjodu tal-programm 2014-2020 hija suġġetta għall-eżistenza ta' kontribut adegwat tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma [...]. Madankollu, id-definizzjoni ta' x'inhu kontribut "adegwat" hija għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

## 94

Il-Qorti eżaminat jekk:

- it-tariffa tal-ilma mormi koprietx l-ispejjeż tad-deprezzament, operattivi u tal-manutenzjoni tal-assi;
- kienx hemm lok għal żieda tat-tariffi tal-ilma mormi fejn l-ispejjeż operattivi u tal-manutenzjoni ma kinux koperti bizżejjed;
- is-sidien tal-infrastruttura kinux akkumulaw riżervi finanzjarji suffiċjenti biex jippermettu s-sostituzzjoni/t-tiġdid tal-infrastruttura fi tmiem il-ħajja ekonomika tagħha.

### It-tariffi tal-ilma mormi imposti fuq l-utenti ppermettew irkupru sħiħ tal-ispejjeż fi 11 % biss tal-każijiet

## 95

Il-Qorti analizzat l-issettjar tat-tariffi tal-ilma għall-2012 fir-rigward tat-28 impjant tat-trattament tal-ilma mormi eżaminat. Hija qabblet il-komponenti tal-ispejjeż inklużi fit-tariffa mad-*data* finanzjarja tal-operaturi tal-impjanti u s-sidien tal-infrastruttura. Il-Qorti sabet li l-ispejjeż ġew kompletament irkuprati fi tliet każijiet biss (11 %). Fid-89 % l-oħra tal-każijiet l-irkupru tal-ispejjeż kien biss parzjali.

46 L-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

47 Il-perjodu ġdid tal-ipprogrammar 2007-2013: Gwida dwar il-metodoloġija għall-analiżi tal-spejjeż u l-benefiċċji, dokument ta' ħidma Nru 4, 8/2006.

48 The new programming period 2000-2006: Technical paper 1 - Application of the polluter pays principle - Differentiating the rates of Community assistance for Structural Funds, Cohesion Fund and ISPA infrastructure operations' (Il-perjodu ġdid tal-ipprogrammar 2000-2006: Dokument tekniku 1 - Applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas – Divrenzjar tar-rati tal-assistenza Komunitarja għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u operazzjonijiet ta' infrastruttura tal-ISPA) (6.12.1999). Għall-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 ara n-nota preċedenti f'qiegħ il-paġna.

**96**
Il-Qorti tinnota li fi tliet Stati Membri hemm dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jillimitaw il-grad ta' rkupru tal-ispejjeż:

- fir-Repubblika Ċeka[49] u fis-Slovakkja[50] l-ispiża tad-deprezzament relatata mal-parti tal-assi ffinanzjati permezz ta' għotja (mill-UE u nazzjonali) hija kompletament jew parzjalment eskluża;

- fl-Ungerija tnaqqis fit-tariffi tal-ilma ġie impost fl-2013[51] u fis-Slovakkja hemm restrizzjonijiet fir-rigward ta' żidiet tariffarji[52].

**97**
Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Qorti tqis ukoll li jista' jkun hemm riskju li l-operaturi tal-impjanti ma jwettqux il-manutenzjoni meħtieġa sabiex tinżamm profitabbiltà fuq terminu qasir. Madankollu, dan jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tas-sostenibbiltà operazzjonali tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. Il-valutazzjoni ta' jekk l-ispiża għall-manutenzjoni fl-2012 kinitx tikkorrispondi għall-ħtiġijiet reali tal-manutenzjoni ma kinitx fi ħdan l-ambitu ta' dan l-awditu.

**98**
Element ulterjuri li jista' jkollu impatt fuq l-issettjar ta' tariffi huwa l-mod kif tiġi determinata l-għotja mill-UE għal proġett ta' infrastruttura. Għotja mill-UE tiġi ġġustifikata biss jekk id-dħul iġġenerat mill-proġett ma jkunx suffiċjenti biex ikopri spejjeż ta' investiment u spejjeż operazzjonali. Dan in-nuqqas fil-finanzjament (jiġifieri d-differenza bejn l-ispejjeż skontati tal-investiment u d-dħul nett skontat), li jeħtieġ jiġi stmat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji, jista' mbagħad jiġi ffinanzjat minn fondi pubbliċi (inklużi għotjiet mill-UE). Dan l-approċċ għandu effetti ta' diżinċentiv fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż, billi jimplika li aktar ma jkun għoli d-dħul mill-attivitajiet tal-ilma mormi (jiġifieri aktar ma jkunu għoljin it-tariffi), aktar tkun baxxa l-għotja li l-investitur jista' jistenna li jirċievi.

**99**
Għall-perjodu tal-programm 2014-2020, b'differenza għal perjodi preċedenti, l-applikanti għall-għotjiet mill-UE mhux neċessarjament[53] iridu jwettqu analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għall-proġett tagħhom biex jivvalutaw in-nuqqas fil-finanzjament. Minflok, jista' jiġi applikat perċentwal ta' dħul nett b'rata fissa li huwa ssettjat mir-Regolament f'livell ta' 25 %[54]. Għaldaqstant, in-nuqqas fil-finanzjament ikun ta' 75 %, ikun xi jkun l-introjtu ġġenerat mill-proġett. Fi kliem ieħor jekk it-tariffa tkun tali li l-introjtu ġġenerat ikopri aktar minn 25 % tal-ispejjeż, dan ma jnaqqasx l-għotja kif meħtieġ.

49 Għal proġetti kkofinanzjati mill-UE, il-prezzijiet tal-ilma mormi għandhom jinżdiedu sakemm deprezzament sħiħ jiġi żgurat iżda billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' affordabbiltà (issettjat f'livell ta' 2 % tal-introjtu tal-familji).

50 Id-deprezzament tal-parti mill-assi akkwistati permezz ta' għotja qabel l-2011 mhuwiex inkluż fil-kalkolu tat-tariffi. Madankollu, b'riżultat ta' Digriet tal-2011 id-deprezzament tal-assi kollha akkwistati mill-2011 'il quddiem jittieħed inkunsiderazzjoni b'rata massima ta' 2 % (għaldaqstant ikun jikkorrispondi għal ħajja ta' 50 sena). Fil-fatt, il-Kummissjoni approvat biss "proġetti kbar" taħt il-perjodu tal-programm 2007-2013 ladarba d-Digriet tal-2011 ġie approvat, billi hija qieset li s-sostenibbiltà ma ġietx żgurata taħt id-dispożizzjonijiet legali preċedenti.

51 Fl-Ungerija l-issettjar tat-tariffi tal-ilma mormi kien sal-2011 għad-diskrezzjoni tal-muniċipalitajiet. Dispożizzjonijiet legali emendati speċifikaw li t-tariffi tal-2012 setgħu jinżdiedu biss b'massimu ta' 4.2 % rigward it-tariffi tal-2011. It-tariffi tal-2013 (l-ewwel nofs tas-sena) kellhom ikunu l-istess bħat-tariffi tal-2012 u t-tariffi għat-tieni nofs tal-2013 u għall-2014 ma setgħux ikunu aktar minn 90 % tat-tariffi tal-2012.

52 It-tariffa tal-2014 tibqa' valida għall-2015 u l-2016 dment li aġġustament tal-prezzijiet ma jintalabx u ma jkunx iġġustifikat permezz ta' bidla sinifikanti fil-parametri ekonomiċi.

53 Għal "proġetti kbar" li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 10) se jibqa' l-obbligu. Taħt il-perjodu tal-programm 2014-2020, dawn huma proġetti li għalihom l-spiża eliġibbli totali taqbeż l-EUR 50 miljun.

54 L-Artikolu 61(3) u l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali,

### It-tariffi tal-ilma mormi kienu taħt il-livell ta' affordabbiltà msemmi mill-Kummissjoni fi 92 % tal-każijiet fejn l-ispejjeż ġew biss parzjalment irkuprati

**100**
It-tariffi medji tal-ilma mormi għall-2012 fl-erba' Stati Membri li saritilhom żjara huma indikati fil-***Figura 5***.

**101**
Fi 23 mill-25 każ (92 %) fejn ma nkisibx irkupru sħiħ tal-ispejjeż, l-imposti totali mħallsa mill-utenti għas-servizzi tal-ilma tajjeb għax-xorb u l-ilma mormi jinsabu taħt il-livell ta' affordabbiltà tal-introjtu tal-familji ta' 4 % msemmi mill-Kummissjoni. Minn dawn, f'seba' każijiet (30 %) it-tariffa tal-ilma mormi kienet aktar baxxa mit-tariffa nazzjonali medja tal-ilma mormi.

il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

**Figura 5** Tariffi medji tal-ilma mormi għall-2012




*Nota:* It-tariffi ssarrfu f'euro bl-użu tar-rati tal-kampju li ġejjin: EUR 1 għall-valur ekwivalenti ta' HUF 291.86, għall-valur ekwivalenti ta' CZK 25 u għall-valur ekwivalenti ta' RON 4.45.
*Sors: Data* mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tar-Repubblika Ċeka u tal-Ungerija, mill-Istitut Slovakk ta' Riċerka dwar l-Ilma u mill-awtoritajiet Rumeni.

## Riżervi finanzjarji insuffiċjenti biex jiġi żgurat tiġdid tal-infrastruttura

102
Ġeneralment, it-tiġdid ta' infrastruttura jeħtieġ li jiġi żgurat mis-sid tal-infrastruttura[55]. Fi 12 mit-28 impjant tat-trattament tal-ilma mormi eżaminat (43 %) inbnew riżervi[56] mis-sidien biex jiffinanzjaw tiġdid bħal dan. Is-sitwazzjoni kienet tvarja (ara t-***Tabella 11***) skont l-istruttura organizzazzjonali magħżula għall-immaniġġjar tas-servizzi tal-ilma mormi. Meta s-sid ikun muniċipalità u ma jkunx hemm l-ebda rekwiżit legali biex jiżgura kontabilizzar separat għall-immaniġġjar tal-infrastruttura relatata mal-ilma, l-introjtu u n-nefqa minn dik l-attività jiġu mħallta mal-introjtu u n-nefqa minn attivitajiet oħra tal-muniċipalità.

103
Għall-impjanti eżaminati, anke fejn kienu nbnew riżervi jew fejn fondi ġew kontabilizzati separatament, dawn mhumiex se jkunu suffiċjenti għall-iżgurar ta' tiġdid futur tal-infrastruttura minħabba n-natura tal-politika tariffarja stabbilita (ara l-paragrafi 95 u 96).

104
Fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji operattivi, id-dispożizzjonijiet legali rigward l-issettjar tat-tariffa tal-ilma (l-ebda dispożizzjoni bħal din fl-Ungerija) tassew jippermettu l-inklużjoni ta' profitt l-inklużjoni ta' profitt[57], prekundizzjoni għall-akkumulazzjoni ta' riżervi. Għal 26 mill-kumpaniji operattivi (93 %), il-kapital kollu jew il-maġġoranza tiegħu huwa proprjetà pubblika, ġeneralment tal-istess muniċipalitajiet li huma s-sidien tal-infrastruttura.

105
Prattikament fil-każijiet kollha, il-kumpaniji operattivi, li spiss jimmaniġġjaw ukoll impjanti tal-ilma tajjeb għax-xorb u aktar minn impjant wieħed tat-trattament tal-ilma mormi, kienu kapaċi jibnu xi riżervi finanzjarji. Dawn il-fondi jistgħu jikkontribwixxu għall-finanzjament tat-tiġdid tal-infrastruttura dment li r-riżervi ma jiġux irtirati mis-sidien tal-kumpaniji operattivi għal ħtiġijiet minbarra dawk tal-immaniġġjar tal-ilma. Fil-fatt, 9 mit-28 kumpanija operattiva (32 %) ħallsu d-dividendi fil-perjodu 2010 sa 2012.

55 Jekk is-sid u l-operatur tal-infrastruttura jkunu entitajiet differenti, huwa l-operatur li jirċievi l-introjtu għall-ilma mormi ttrattat. Minn dan l-introjtu, l-operatur irid ikopri l-ispejjeż operazzjonali u tal-manutenzjoni tiegħu u l-kera li trid titħallas lis-sid tal-infrastruttura. Il-kera, prevista fil-ftehim ta' kiri, għandha tkopri d-deprezzament u spejjeż oħra mġarrba mis-sid.

56 Kontabilizzati fil-karta tal-bilanċ taħt riżervi u/jew qligħ imfaddal.

57 Fir-Repubblika Ċeka hemm dispożizzjoni li l-profitt għandu jkun raġonevoli. Fl-2013, il-liġi pprevediet formula għall-kalkolu ta' profitt raġonevoli. Fis-Slovakkja, il-profitt huwa limitat għal ċertu ammont għal kull $m^3$.

Tabella 11

### Is-sitwazzjoni fir-rigward ta' riżervi finanzjarji mibnija mis-sidien tal-infrastruttura

| | Is-sid huwa muniċipalità (jew grupp ta' muniċipalitajiet) | Is-sid huwa kumpanija maħluqa minn muniċipalità (jew grupp ta' muniċipalitajiet) | |
|---|---|---|---|
| | | Il-kumpanija ma toperax l-impjant | Il-kumpanija topera wkoll l-impjant |
| | 19-il każ (68 %) | 4 każi (14 %) | 5 każi (18 %) |
| Riżervi mibnija | 16 % Iva<br>84 % Mhux speċifikati jew l-ebda waħda | Iva | Iva<br>(ara l-paragrafu 105) |
| Riżervi suffiċjenti | Le | Le | Le |

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**106**
L-infiq mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/mill-Fond ta' Koeżjoni għal impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi matul il-perjodu tal-programm 2000-2006 u dak tal-2007-2013 kellu rwol deċiżiv fil-progress li għamlu l-Istati Membri fl-issodisfar tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi. Iżda ġie nnotat dewmien għall-erba' Stati Membri kollha koperti minn dan ir-rapport u l-assorbiment tal-fondi tal-UE kien bil-mod. Kważi l-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma urban mormi kofinanzjati ttrattaw l-ilma mormi adegwatament iżda l-Qorti tqis li madwar terz tagħhom huma kbar b'mod eċċessiv. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li saritilhom żjara, ir-rekwiżiti dwar l-effluwenti nazzjonali spiss kienu aktar stretti minn dawk tad-Direttiva u dan jissuġġerixxi li reviżjoni tad-Direttiva tista' tkun meħtieġa. Il-Qorti sabet ukoll dgħufijiet rigward l-immaniġġjar ta' tifwir u t-trattament tal-ħama. Fl-aħħar nett, f'ħafna każijiet it-tariffi tal-ilma mormi huma baxxi wisq biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-infrastruttura kkofinanzjata.

## Konformità mad-dati ta' skadenza tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

**107**
L-erba' Stati Membri kollha koperti minn dan ir-rapport għamlu progress importanti fl-issodisfar tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, iżda ġarrbu dewmien f'oqsma speċifiċi:

- id-dati ta' skadenza għall-ġbir tal-ilma mormi f'agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. (fejn rekwiżiti dwar l-effluwenti japplikaw) ġew issodisfati fl-erba' Stati Membri kollha koperti, bl-eċċezzjoni tar-Rumanija li waqgħet kemxejn lura fir-rigward tad-dati ta' skadenza interim tagħha. Dispożizzjonijiet legali għall-iżgurar tal-konnessjoni tal-unitajiet domestiċi ma' netwerk eżistenti tad-drenaġġ huma stabbiliti fl-erba' Stati Membri kollha. Madankollu, l-infurzar effettiv ta' dawn l-obbligi joħloq diffikultajiet għall-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati, billi huma vagi;

- l-ebda wieħed mill-Istati Membri li saritilhom żjara ma rrispetta d-dati ta' skadenza għat-trattament tal-ilma mormi f'agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. Il-Qorti nnotat ukoll li l-għadd ta' agglomerazzjonijiet bħal dawn naqas b'mod sinifikanti f'uħud mill-Istati Membri koperti. B'riżultat ta' dan, inqas agglomerazzjonijiet kienu meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva;

- għal agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p., li fuqhom jintnefqu wkoll fondi tal-UE, il-Kummissjoni għandha biss informazzjoni parzjali billi ma hemm l-ebda rappurtar speċifiku stabbilit u l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara mhijiex kompleta.

## 108

Bħalissa l-Kummissjoni qed issegwi s-sitwazzjoni tal-konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fi tlieta mill-erba' Stati Membri koperti minn dan ir-rapport. L-analiżi mill-Qorti turi li dan huwa proċess twil: ġeneralment, l-Istati Membri jkollhom madwar 18-il xahar (u f'xi każijiet 30 xahar) biex jirrappurtaw id-*data* lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tieħu 18-il xahar ieħor biex tiffinalizza l-analiżi u r-rappurtar tagħha.

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tirrikjedi agglomerazzjonijiet ta' taħt l-2 000 e.p. li għandhom sistemi ta' ġbir stabbiliti, biex jirrappurtaw dwar jekk it-trattament tal-ilma mormi huwiex xieraq fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u, fejn dan ma jkunx il-każ, jekk miżuri adegwati ġewx inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara humiex;

(b) tivverifika r-rappurtar mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn jew taħt l-2 000 e.p. fejn kien hemm bidliet sinifikanti, b'mod partikolari minn kategorija għal oħra. Din il-verifikazzjoni tista' tiġi inkluża fil-proċess ta' segwitu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri;

(c) tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu obbligi legali ċari biex l-unitajiet domestiċi jiġu konnessi ma' netwerk tad-drenaġġ eżistenti. Informazzjoni dwar ir-rata ta' konnettività tal-unitajiet domestiċi għandhom jifformaw parti mill-eżerċizzju ta' rappurtar regolari;

(d) tqassar iż-żmien meħtieġ għall-valutazzjoni tal-konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi billi tirrikjedi li l-Istati Membri jirrappurtaw *data* fi żmien sitt xhur (skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva) mid-data li għaliha l-Kummissjoni tixtieq tkun taf is-sitwazzjoni rigward l-implimentazzjoni (data ta' referenza). Il-Kummissjoni għandha wkoll tistinka biex tnaqqas iż-żmien tagħha stess għar-rappurtar;

(e) twettaq kontrolli għal kwistjonijiet simili ta' perjodi twal ta' rappurtar taħt Direttivi oħra relatati mal-ambjent.

### Użu tal-fondi tal-UE disponibbli taħt il-perjodu tal-programm 2007-2013

## 109

L-approvazzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istat Membru ta' proġetti kkofinanzjati mill-UE, fil-qasam tat-trattament tal-ilma mormi matul il-perjodu tal-programm 2007-2013, esperjenzaw dewmien konsiderevoli. Dan iġib miegħu r-riskju tat-telf ta' fondi tal-UE disponibbli u jista' joħloq ħtieġa għall-Istati Membri biex jagħmlu fondi oħra (nazzjonali jew privati) disponibbli għall-iżgurar tal-finalizzazzjoni ta' għadd ta' proġetti.

110
L-istimi mill-Istati Membri tal-finanzjament li jifdal għall-ikkompletar tal-proġetti meħtieġa biex issir konformità mad-Direttiva, jaqbżu f'mill-inqas tnejn mill-erba' Stati Membri l-approprjazzjonijiet disponibbli taħt il-programmi operazzjonali 2014-2020 li jittrattaw mal-ambjent.

### Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni għandha:

(a) titlob lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar l-ammonti finanzjarji li huma se jeħtieġ li jiġbru biex jiżguraw li d-dati ta' skadenza tal-implimentazzjoni stipulati fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi jkunu jistgħu jintlaħqu għal agglomerazzjonijiet ta' 'l fuq minn 2 000 e.p. u għal agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. li għandhom sistemi ta' ġbir stabbiliti;

(b) titlob lill-Istati Membri jiżguraw li dawk l-agglomerazzjonijiet li mhumiex konformi mad-Direttiva se jwettqu l-proġetti meħtieġa għall-iżgurar tal-konformità.

## Effettività tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

### Prestazzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

111
L-effluwenti tal-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma urban mormi rrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fejn kienet applikabbli. F'żewġ Stati Membri, id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni kienet għadha ma skadietx jew il-valuri limiti ma kinux applikabbli fil-livell tal-impjanti individwali. Kien hemm 89 % tal-impjanti li rrispettaw il-limiti ssettjati fil-permessi tagħhom. Il-Qorti nnotat ukoll li dawn il-limiti huma bbażati fuq leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew permessi tal-impjanti li f'xi każijiet jissettjaw limiti li huma aktar stretti minn dawk tad-Direttiva.

112
Għal tifwir, li jseħħ f'perjodi ta' xita qawwija, li għandu impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-korp tal-ilma riċeventi, madankollu hemm nuqqas ġenerali ta' informazzjoni dwar il-parametri tal-kwantità u l kwalità tal-ilma tiegħu. Il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni reċentement niedet studju dwar dan is-suġġett.

## 113

Fil-maġġoranza tal-każijiet (89 %) l-operaturi tal-impjanti ċċekkjaw fuq bażi ta' kampjun ir-rispett tal-limiti ta' konċentrazzjoni dwar l-ilma mormi skarikat minn installazzjonijiet industrijali. Madankollu, fis-Slovakkja, l-operaturi tal-impjanti ma kkumplementawx ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom (li jista' jkun li mhux aktar minn darba fis-sena) billi talbu li jirċievu wkoll ir-riżultati ta' awtokontrolli li saru mill-installazzjonijiet industrijali stess.

## 114

Madwar terz tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi eżaminati huma kbar b'mod eċċessiv, u wħud minnhom jittrattaw ammont kbir b'mod eċċessiv ta' ilma ta' taħt l-art. Dan huwa dovut kemm għal dgħufijiet fit-tfassil tal-impjanti (bħal suppożizzjonijiet mhux realistiċi dwar il-ħtieġa għal trattament tal-ilma mormi mill-unitajiet domestiċi u l-industrija) kif ukoll għal bidliet fil-popolazzjoni wara li x-xogħlijiet kienu bdew.

## 115

Il-varjazzjonijiet sinifikanti f'termini ta' spejjeż operattivi tal-impjanti tat-trattament (b'mod partikolari rigward l-enerġija u rigward it-trasport u r-rimi tal-ħama tad-drenaġġ) jimplikaw li hemm ambitu għat-tnaqqis ta' dawn l-ispejjeż.

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tivvaluta x-xerqien tal-limiti ta' konċentrazzjoni fid-Direttiva filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni t-titjib teknoloġiku li sar mill-1991, meta ġiet adottata d-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi, 'il hawn.

(b) tivvaluta jekk ir-regoli dwar l-għadd u l-frekwenza tal-kontrolli li għandhom isiru minn korpi nazzjonali ta' spezzjoni ambjentali u l-multi li għandhom jitħallsu minn installazzjonijiet industrijali talli ma jkunux irrispettaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għandhomx effett suffiċjenti ta' deterrent f'konformità mal-komunikazzjoni 2012 tal-Kummissjoni[58];

(c) tivvaluta l-ħtieġa li tirrikjedi mill-Istati Membri l-kejl obbligatorju ta' tifwir u l-issettjar ta' regoli għall-għadd u l-kwalità permessi ta' tifwir bħal dan;

(d) ma tapprovax "proġetti kbar" u titlob lill-Istati Membri ma japprovawx proġetti taħt programm operazzjonali dment li t-tfassil tad-daqs tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi ma jiħux inkunsiderazzjoni l-possibbiltajiet tat-tnaqqis tal-infiltrazzjoni mill-ilma ta' taħt l-art: l-ispejjeż għall-investimenti fit-tqalfit tan-netwerk tad-drenaġġ jistgħu jkunu aktar baxxi mill-ispejjeż għall-investiment f'impjant tat-trattament ta' kapaċità ogħla;

58 COM(2012) 95 final Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Nisfruttaw aħjar il-benefiċċji tal-miżuri ambjentali tal-UE: nibnu l-fiduċja permezz ta' għarfien u rispons aħjar".

(e) tħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw u jxerrdu informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' ffrankar tal-spejjeż, bħal bl-użu tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-enerġija ta' ħama tad-drenaġġ jew bl-użu tal-ħama tad-drenaġġ bħala materja prima ta' valur għall-irkupru tal-fosforu. Dan jista' jinvolvi wkoll talba lill-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi biex jipparteċipaw f'eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva biex jiġi identifikat f'liema impjant hemm lok għal żieda fil-kosteffiċjenza u billi jiġu identifikati dawk l-elementi ta' spiża li jeħtieġ isir fokus fuqhom.

### Użu tal-ħama prodott minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi

**116**

L-użu mill-ġdid tal-ħama tad-drenaġġ huwa l-għażla ppreferuta fi tlieta mill-erba' Stati Membri koperti. Madankollu, fir-Rumanija, il-biċċa l-kbira mill-ħama jintrema f'miżbla jew jinżamm fuq il-post li mhuwiex sostenibbli fit-terminu twil.

**117**

Meta l-ħama jintuża fuq ħamrija agrikola jew jintrema f'miżbla, il-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti fil-livell tal-UE jeżistu għal ċerti sustanzi, bħal metalli tqal. Għal dawk it-tipi ta' użu, il-monitoraġġ mill-Istati Membri nstab li kien ġeneralment adegwat, b'eċċezzjonijiet fir-Rumanija. Is-sitwazzjoni hija differenti għal tipi oħra ta' użu (bħall-ħama bħala materjal tal-input għall-kompost jew użu fuq ħamrija mhux agrikola). Hawnhekk, l-ebda rekwiżit ma huwa speċifikat fil-livell tal-UE biex jipproteġi l-ambjent. Il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni tqis ukoll id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ bħala skaduta f'dan ir-rigward, iżda l-ewwel biħsiebha taġġorna r-Regolament dwar il-Fertilizzanti.

### Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni għandha:

(a) fir-rigward ta' pagamenti finali għal "proġetti kbar" approvati taħt programm operazzjonali, tagħmilhom kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' soluzzjoni xierqa għall-użu mill-ġdid tal-ħama tad-drenaġġ u titlob lill-Istati Membri jsegwu l-istess approċċ għal proġetti approvati fil-livell tagħhom; dan jista' jsir bid-daħla ta' klawsola speċifika fil-ftehimiet ta' għotja għall-perjodu tal-programm 2014-2020;

(b) tipproponi, abbażi ta' reviżjoni tax-xerqien ta' materjali li jniġġsu u ta' limiti ta' konċentrazzjoni, adattament għad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ jew għal kwalunkwe Direttiva jew Regolament li jittratta ma' kwistjonijiet ta' ilma mormi jew ta' kwalità tal-ħamrija u tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw monitoraġġ robust ta' materjali li jniġġsu għal kwalunkwe tip ta' użu mill-ġdid tal-ħama.

## Sostenibbiltà finanzjarja tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi kkofinanzjati mill-UE

### 118

It-tariffi tal-ilma mormi imposti fuq l-unitajiet domestiċi u fuq l-industrija kienu, għal 89 % tal-impjanti, baxxi wisq biex jiġi permess it-tiġdid tal-infrastruttura fi tmiem il-ħajja ekonomika mistennija tagħha. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, it-tariffi għadhom, b'mod sinifikanti, taħt il-livell ta' affordabbiltà ta' 4 % tal-introjtu tal-familji. Din is-sitwazzjoni hija parzjalment dovuta għal dispożizzjonijiet legali nazzjonali: f'żewġ Stati Membri l-ispiża tad-deprezzament ma tistax tittieħed kompletament inkunsiderazzjoni fl-issettjar tat-tariffi u f'żewġ Stati Membri hemm limiti massimi fuq żidiet tariffarji annwali. Meta l-ispejjeż ma jiġux kompletament irkuprati mill-utenti tas-servizzi tal-ilma mormi, il-parti mhux koperta jkollha titħallas minn oħrajn li fil-biċċa l-kbira jkunu l-pubbliku inġenerali abbażi ta' taxxi mħallsa. Barra minn hekk, b'riżultat ta' din is-sitwazzjoni, l-operaturi tal-impjanti jistgħu jnaqqsu l-manutenzjoni attwali, u dan se jqassar il-ħajja ekonomika tal-assi u/jew iġiegħel il-kwalità tat-trattament tal-ilma mormi tmur għall-agħar.

### 119

F'żewġ terzi tal-każijiet eżaminati mill-Qorti ma hemm l-ebda informazzjoni dwar jekk is-sidien tal-infrastruttura bnewx riżervi finanzjarji suffiċjenti għall-manutenzjoni u t-tiġdid eventwali tal-infrastruttura tal-ilma u tal-ilma mormi. Dan huwa dovut għall-funġibbiltà tar-riżorsi fejn is-sidien huma muniċipalitajiet. Fil-livell tal-operaturi tal-impjanti tat-trattament, xi riżervi jinħolqu minn profitti akkumulati.

### Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw politika tariffarja tal-ilma mormi li tkun responsabbli u jadattaw, fejn meħtieġ, id-dispożizzjonijiet legali fil-qasam tal-ipprezzar tal-ilma, biex b'hekk it-tariffi ma jistgħux ikunu aktar baxxi mill-proporzjon ta' affordabbiltà ta' 4 % aċċettat b'mod komuni;

(b) tħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li s-sidien pubbliċi, bħal muniċipalitajiet, jiżguraw li finanzjament suffiċjenti jkun disponibbli għal manutenzjoni u tiġdid neċessarji għall-infrastruttura tal-ilma mormi.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Henri GRETHEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## Anness I

### Ambjent tat-trattament tal-ilma urban mormi




*Sors*: Il-QEA.

## Lista ta’ impjanti tat-trattament tal-ilma mormi eżaminati

| Stat Membru | Post | Kapaċità mfassla f’e.p. | Total tan-nefqa[1] (f’EUR) | Total tal-għotja mill-UE (f’EUR) | Rata tal-għotja bħala % tat-total tan-nefqa |
|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Bludov | 4 115 | 38 312 039.31 | 26 818 427.32 | 70 % |
| | Zubri | 47 000 | 43 395 472.68 | 29 508 921.03 | 68 % |
| | Bzenec | 22 607 | 27 294 593.37 | 17 732 842.00 | 65 % |
| | Blansko | 29 376 | 27 294 593.37 | 17 732 842.00 | 65 % |
| L-Ungerija | Szeged | 230 000 | 94 637 207.86 | 33 325 000.00 | 35 % |
| | Zalaeger-Szeg | 180 000 | 48 350 946.27 | 36 263 208.96 | 75 % |
| | Györ | 375 000 | 17 560 130.00 | 7 250 000.00 | 41 % |
| | Dunakeszi | 82 500 | 2 954 395.00[2]<br>(HUF 914 976 000) | 1 942 002.00[2]<br>(HUF 601 438 000) | 66 % |
| | Budapest | 1 600 000 | 438 526 042.48 | 278 661 500.00 | 64 % |
| | Debrecen | 675 000 | 87 304 362.28 | 50 636 530.12 | 58 % |
| | Sopron | 165 000 | 18 594 829.58 | 9 297 414.79 | 50 % |
| Ir-Rumanija | Braila | 247 700 | 43 984 313.64 | 32 988 235.23 | 75 % |
| | Bucharest Glina | 1 654 110 | 105 765 515.60 | 68 747 585.14 | 65 % |
| | Buzau | 235 000 | 26 964 178.91 | 19 953 492.39 | 74 % |
| | Constanta North | 308 125 | 69 251 771.60 | 49 669 303.00 | 72 % |
| | Craiova | 385 000 | 71 894 883.75 | 52 783 500.00 | 73 % |
| | Galati | 360 000 | 72 053 837.40 | 42 000 000.00 | 58 % |
| | Iasi | 933 300 | 45 550 042.28 | 34 162 531.71 | 75 % |
| | Oradea | 250 000 | 18 570 208.73 | 12 999 145.77 | 70 % |
| | Pitesti | 320 000 | 46 879 803.82 | 31 312 500.00 | 67 % |
| | Ramnicu Valcea | 130 000 | 28 119 004.10 | 21 089 253.08 | 75 % |
| | Satu Mare | 180 000 | 31 789 308.31 | 22 570 408.90 | 71 % |
| | Timisoara | 440 000 | 41 187 160.13 | 29 242 884.13 | 71 % |
| Is-Slovakkja | Trencin | 30 000 | 7 935 751.09 | 3 967 875.55 | 50 % |
| | Povazska Bystrica | 45 000 | 12 299 508.09 | 6 149 754.04 | 50 % |
| | Trnava | 211 700 | 29 711 033.08 | 10 193 516.00 | 34 % |
| | Vranov | 34 900 | 51 823 026.31 | 34 020 640.00 | 66 % |
| | Presov | 91 275 | 65 699 239.14 | 40 566 608.00 | 62 % |

1 Xi proġetti kienu jinkludu bosta subproġetti (pereżempju t-titjib ta’ impjanti tat-trattament tal-ilma mormi f’bosta postijiet u l-kostruzzjoni ta’ netwerks tad-drenaġġ f’bosta postijiet) u għaldaqstant in-nefqa totali tkun relatata mal-proġett fl-intier tiegħu u mhux biss mal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi eżaminat.

2 Ammont f’HUF imsarraf f’euro bl-użu tar-rata tal-kambju li ġejja: EUR 1 għall-valur ekwivalenti ta’ HUF 309.7 (medja għall-2014).

## Dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

| Stat Membru | Dati fil-mira interim li jrid ikun hemm konformità magħhom | Data ta' skadenza finali tal-perjodu transizzjonali |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | l-1 ta' Mejju 2004 - għal 18-il agglomerazzjoni > 10 000 e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2006 - 36 agglomerazzjoni | **il-31 ta' Diċembru 2010** |
| L-Ungerija | il-31 ta' Diċembru 2008 - għal agglomerazzjonijiet f'żoni sensittivi b'>10 000 e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2010 - għal agglomerazzjonijiet f'żoni normali b'> 15 000 e.p. | **il-31 ta' Diċembru 2015**<br>**il-31 ta' Diċembru 2008** - għal ilma mormi bijodigradabbli industrijali minn imp-janti li jagħmlu parti mis-setturi industrijali mill-Anness III tad-Direttiva |
| | Fl-2009, l-Ungerija impenjat ruħha biex tikkonforma mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva sal-**2018.** | |
| Ir-Rumanija | Sistemi ta' ġbir<br>il-31 ta' Diċembru 2010 - 61 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2013 - 69 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2015 - 80 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2013 - l-agglomerazzjonijiet kollha > 10 000 e.p. | **il-31 ta' Diċembru 2018** |
| | Trattament sekondarju jew ekwivalenti (jew trattament aktar strett għal żoni sensittivi)<br>il-31 ta' Diċembru 2010 - 51 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2013 - 61 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2015 - 77 % tal-piż f'e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2015 - l-agglomerazzjonijiet kollha > 10 000 e.p. | |
| Is-Slovakkja | il-31 ta' Diċembru 2004 - għal 83 % tal-piż bijodegradabbli totali<br>il-31 ta' Diċembru 2008 - għal 91 % tal-piż bijodegradabbli totali<br>il-31 ta' Diċembru 2010 - l-agglomerazzjonijiet kollha > 10 000 e.p.<br>il-31 ta' Diċembru 2012 - għal 97 % tal-piż bijodegradabbli totali | **il-31 ta' Diċembru 2015** |

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### III

Il-Kummissjoni bħalissa m'għandhiex l-intenzjoni li żżid l-isforz ta' rapportar skont id-Direttiva 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (UWWTD) fir-rigward ta' agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. minħabba li ma hemmx obbligu ta' ġbir u trattament għal dawn l-agglomerazzjonijiet skont l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-UWWTD. Madankollu, skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE (WFD), il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jipprovdu xi informazzjoni, irrespettivament mid-daqs tal-agglomerazzjonijiet. Barra minn hekk, il-programm pilota "Qafas Strutturat ta' Implimentazzjoni u Informazzjoni" (SIIF) għandu jtejjeb il-kwalità tar-rapportar (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 29).

Il-Kummissjoni tfakkar li għal agglomerazzjonijiet b 'il fuq minn 2000 e.p., il-qafas legali diġà jiddisponi li l-unitajiet domestiċi huma meħtieġa li jkunu konnessi ma' sistemi jew li jkollhom sistemi individwali jew xierqa fis-seħħ.

### IV

L-objettivi ewlenin tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huma li jitnaqqas id-distakk bejn il-livelli ta' żvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni tal-UE u mhux neċessarjament li jikkontribwixxu biex jiġu onorati l-iskadenzi tal-UWWTD, li ta' dan huma responsabbli l-Istati Membri kkonċernati, u dan independentement mil-livell tal-Fondi allokati. Billi jsir dan il-kontribuzzjoni FEŻR/FK tista' fil-fatt ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet kollha fil-qasam tal-infrastruttura tad-drenaġġi biex jintlaħqu l-iskadenzi tal-UWWTD.

Rigward il-bżonn li r-rapportar jiġi rrikonċiljat mal-progress fl-implimentazzjoni tal-UWWTD, il-Kummisjoni tikkunsidra li tali informazzjoni ssir disponibbli u tiġi aġġornata mill-Istati Membri kull sentejn fil-każ ta' tibdiliet, skont l-Artikolu 17 tal-UWWTD.

### V

Rigward id-daqs tal-impjanti, il-Kummissjoni tqis li huwa l-kompitu tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq id-daqs tal-impjanti minħabba li l-UWWTD ma jistipulax speċifikazzjonijiet dwar id-dimensjonijet tal-impjanti (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 65).

B'mod ġenerali, id-daqs tal-impjanti jista' jkun determinati minn bosta fatturi, inkluż marġni ta' sigurtà biex ikunu konformi mal-UWWTD f'kull ħin, biex ilaħħaq ma' attivitajiet/varjazzjonijiet staġjonali bħalma huma t-turiżmu, attivitajiet industrijali jew fluss qawwi ta' ilma tax-xita, u proviżjoni għall-konnessjoni futura ta' lokalitajiet, iż-żieda fil-popolazzjoni, eċċ.

Sa mill-2007, l-involviment tal-istruttura JASPERS (Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) kellu bħala għan li jgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tal-applikazzjonijiet għal proġetti maġġuri, inklużi l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, qabel ma jiġu mressqa għal finanzjament permezz ta' għotjiet skont il-Fondi.

Rigward il-kwistjoni tat-tifwir, ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal paragrafi minn 54 sa 56.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-limiti ta' konċentrazzjoni, ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal Paragrafu 49 u r-rakkomandazzjoni 3(a).

### VI

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

### VII

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqisha parzjalment implimentata minħabba li l-Istati Membri huma meħtieġa li jimplimentaw politika tat-tariffi tal-ilma xierqa permezz tal-Art. 9.1 tal-WFD u l-kondizzjonalità *ex ante* 6.1 tal-Anness XI tas-CPR 1303/2013.

Apparti dan, il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' 4 % affordabilità huwa indikattiv.

Madankollu, l-Kummissjoni ma taċċettax it-tieni parti ta' din ir-rakkomandazzjoni (jiġifieri li fondi suffiċjenti għaż-żamma u t-tiġdid meħtieġa għandhom ikunu disponibbli) minħabba li, fl-assenza ta' qafas legali speċifiku, ir-responsabbiltà li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fondi għaż-żamma u t-tiġdid taqa' fi ħdan l-ambitu tas-sidien u/jew l-operaturi tal-infrastruttura tad-drenaġġi, għalhekk fl-ambitu tal-Istati Membri.

## Osservazzjonijiet

**22**
Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tanalizza r-risposti li rċeviet għall-mistoqsijiet formali rriferuti li saru lil dawn il-pajjiżi. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni qiegħda tanalizza jekk huwiex meħtieġ xi segwitu fir-rigward tad-dimostrazzjoni tal-ekwivalenza tal-protezzjoni ambjentali minn sistemi individwali.

**23**
Il-Kummissjoni tinnota li din l-osservazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kkonċernati. Il-konnessjoni tal-unitajiet domestiċi mas-sistema ta' drenaġġi pubblika mhijiex regolata mill-UWWTD. Huwa fil-kompetenza tal-Istati Membri, permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, li jqabbdu, jew inkella, japplikaw sistemi individwali jew sistemi xierqa oħrajn sabiex jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 3 tal-UWWTD.

**26**
Din il-kooperazzjoni bejn l-Ungerija u r-Rumanija jirriżulta mill-possibiltà offruta skont l-Artikolu 9 tal-UWWTD.

Apparti dan, l-Art. 5.4 jirreferi għal tnaqqis globali f'N u P applikabbli għall-ilma mormi li jidħol fl-impjanti ta' trattament fiż-żona relatata, saħansitra dawk li jaqdu l-agglomerazzjonijiet b'inqas minn 10 000 e.p.

**28**
Il-Kummissjoni tinnota li riduzzjonijiet fit-tagħbija ġġenerata sa' 10-15% fuq livell ta' Stat Membru jista' jiġi meqjus bħala ammessibbli għax l-agglomerazzjonijiet huma entitajiet "ħajjin" li jesperjenzaw tibdil kontinwi (pereż. minħabba l-emigrazzjoni, l-għeluq ta' fabbriki eċċ.). Għall-kuntrarju, tagħbija statika (e.p.) tul is-snin tista' tindika li l-figuri mhumiex aġġornati kif dovut. It-tnaqqis fin-numru ta' agglomerazzjonijiet huwa konsekwenza loġika tat-tnaqqis fit-tagħbija, u kif ukoll tan-natura li tinbidel tal-agglomerazzjonijiet. Is-segwitu tal-evoluzzjoni fin-numru ta' e.p. huwa iktar sinifikanti mit-tibdil fin-numru ta' agglomerazzjonijiet.

Is-sitwazzjoni tat-tnaqqis fit-tagħbija fir-Rumanija tfaċċat biss mal-ewwel riżultati tal-implimentazzjoni tagħhom (fit-8 Eżerċizzju ta' Rapportar) u jista' jiġi meqjus, in prinċipju, bħala "inammessibbli". Skont il-qafas tal-programm pilota SIIF (Qafas Strutturat ta' Implimentazzjoni u Informazzjoni) imniedi fl-2013, il-Kummissjoni se ssaqsi lill-awtoritajiet dwar ir-raġunijiet għal tali tibdil sostanzjali (li jaffettwa wkoll l-għadd ta' agglomerazzjonijiet) u taġixxi skont dan (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 29). Ir-Rumanija se tkun parti minn fażi III mill-2015.

**29**
Il-Kummissjoni nediet il-programm pilota SIIF biex ittejjeb l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tad-dejta/informazzjoni fuq livell nazzjonali u tinforma lil min ifassal il-politika, partijiet interessati u l-pubbliku dwar kif il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata fil-prattika, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni u d-Direttiva INSPIRE (2003/4/KE u 2007/2/KE). Dan jindirizza l-iktar kif tintlaħaq jew tinżamm il-konformità billi jiffoka fuq id-domandi għad-dejta u l-informazzjoni f'agglomerazzjonijiet li ma jikkonformawx u billi jiġu ddisinjati sistemi tal-IT li jgħaqqdu flimkien sorsi tad-dejta differenti (ambjentali, soċjoekonomiċi, finanzjament, aspetti legali, eċċ.). S'issa, il-pajjiżi li ġejjin huma involuti: CY, LT u SI, u huwa ppjanat li jiġu involuti erba' pajjiżi oħra (fost l-oħrajn RO).

Għal Stati Membri koperti mis-SIIF u b'mod partikolari għar-Rumanija, il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel segwitu tal-evoluzzjoni tat-tagħbija ġenerata fl-agglomerazzjonijiet fis-snin li ġejjin biex tifhem aħjar jekk tali bidli hijiex ġustifikata jew le.

**30**
Il-Kummissjoni tispeċifika li mhuwiex obbligatorju li l-Istati Membri jirrapportaw skont l-UWWTD għall-agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2000 e.p. (talbiet ta' rapportar mill-Kummissjoni skont Artikolu 15 tal-UWWTD jirreferu għad-dejta ta' ġbir u trattament għal agglomerazzjonijiet b'iktar minn 2000 e.p.). L-Istati Membri jibgħatu rapporti addizzjonali lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16 tal-UWWTD li jikkonċernaw biss informazzjoni ġenerali dwar "id-disponiment tal-ilma urban mormi u l-ħama".

Għal raġunijiet ta' proporzjonalità u sabiex ma żżidx l-isforz ta' rapportar, il-Kummissjoni ma titlobx rapportar għal agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. lanqas taħt l-Artikoli 15, 16 jew 17 tal-UWWTD. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma titlobx informazzjoni li mhix meħtieġa biex tivverifika l-konformità mal-Artikoli 3, 4 u 5 tal-UWWTD.

Taħt il-WFD, il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jagħtu tagħrif dwar korpi tal-ilma soġġetti għal pressjonijiet sinifikanti minn ilma urban mormi (irrispettivament mid-daqs tal-agglomerazzjonijiet) u l-miżuri li jsiru biex jintlaħaq status tajjeb, inklużi indikaturi kwantitattivi, pereżempju dwar it-tnaqqis ta' tagħbijiet niġġiesa li jkunu nixxew. Il-Kummissjoni se toqgħod fuq id-dispożizzjonijiet tal-WFD biex tiċċekkja l-agglomerazzjonijiet skont l-Artikolu 7 tal-UWWTD.

**31**
L-istrateġija ta' konformità tal-Kummissjoni skont il-UWWTD tiffoka fuq l-ikbar emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-korpi tal-ilma. Il-Kummissjoni ma tobbligax lill-Istati Membri li jirrapportaw dwar agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. peress li m'hemmx obbligu ta' ġbir u trattament għal dawn l-agglomerazzjonijiet skont l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-UWWTD. Madankollu, skont il-WFD, il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jagħtu tagħrif dwar korpi tal-ilma soġġetti għal pressjonijiet sinifikanti minn ilma urban mormi (irrispettivament mid-daqs tal-agglomerazzjonijiet) u l-miżuri li jsiru biex jintlaħaq status tajjeb. Sussegwentement, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali għal agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. fuq bażi individwali.

**33**
Il-Kummissjoni tqis li l-effikaċja tal-proċess ma tagħtix lok għad-dubju: permezz tat-talbiet speċifiċi lill-Istati Membri varati fl-2014 u li l-Qorti rreferiet għalihom, intalbet l-iktar dejta disponibbli reċenti rigward l-iskadenzi 2009-2010 mingħand l-Awtoritajiet tal-Istati Membri. F'termini prattiċi dan ifisser li l-informazzjoni dwar il-konformità mal-iskadenzi tal-2009-2010 se jiġu aġġornati mill-Awtoritajiet b'dejta iktar reċenti (sena rikjesta: 2012 jew 2013). B'żieda mad-dejta mit-8 eżerċizzju ta' rapportar (snin ta' referenza 2011-2012), il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tivvaluta l-konformità mal-iskadenzi l-ġodda li skadew. Dawn l-aġġornamenti se jippermettu lill-Kummissjoni, jekk jitqies xieraq, li tibda każijiet ta' ksur fejn meħtieġ. Kif indikat mill-Qorti, il-Kummissjoni qiegħda tanalizza l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri f'dak ir-rigward.

**37**
Il-Kummissjoni tqis li r-rati ta' impenn fuq il-livell ta' programm għall-erba' Stati Membri kkonċernati fi tmiem l-2013, kif indikat f'tabella 5, huwa sodisfaċenti.

**38**
Il-Kummissjoni tagħraf li r-rata ta' assorbiment fi tmiem l-2013 fl-Istati Membri kollha kkonċernati kien pjuttost baxx, u huwa għalhekk li jeżisti riskju ta' deimpenn fuq livell ta' programm (Artikolu 93 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li jeżistu raġunijiet oġġettivi għal dan, bħal pereżempju l-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità teknika, legali u amministrattiva fl-Istati Membri kkonċernati. Barra minn dan, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-pagamenti għall-biċċa l-kbira tal-proġetti jsiru fis-snin ta' implimentazzjoni tal-aħħar (jiġifieri 2014 u 2015) minħabba li d-data ta' tmiem l-eliġibbiltà hija tmiem l-2015.

**39**
Il-Kummissjoni hija konxja li numru ta' proġetti jistgħu ma jkunux ġew iffinalizzati sal-31/12/2015 u li jistgħu jinqasmu f'żewġ fażijiet separati (ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għal paragrafu 40 hawn taħt). Huwa għalhekk li, sabiex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-programmi kkonċernati u r-riskju ta' deimpenn jiġi indirizzat, fi tmiem l-2014 twaqqfet task force dwar l-implimentazzjoni li tif-foka, fost l-oħrajn, li taċċellera l-implimentazzjoni fl-erba' Stati Membri.

**40**
Waqt li qieset li għadd ta' proġetti setgħu jin-qasmu bejn żewġ perjodi ta' programmazzjoni, u sabiex tagħmilha iktar faċli għall-Istati Membri, il-Kummissjoni ppproponiet modifikazzjoni tal-linji gwida tal-għeluq tal-programmi, li ġew adottati fit-30 ta' April 2015 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)2771 li temenda d-Deċiżjoni C(2013)1573). L-għan ewlieni tagħhom huwa li jintroduċu iktar flessibilità f'ċerti oqsma, inkluż il-"fażar" ta' proġetti mhux mitmuma mill-2016 'il quddiem.

Fir-rigward tas-Slovakkja u r-Rumanija, u sa ċertu punt l-Ungerija, il-Kummissjoni hija pjenament konxja li, minkejja l-kontribuzzjoni sinifikanti tal-allokazzjoni tal-programmi 2014-2020 favur iż-żona ta' trattament ta' ilma mormi, aktarx ma jkunx possibbli li l-bżonnijiet kollha jiġu sodisfatti.

**41**
Il-Kummissjoni tinnota li skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006, il-baġit tal-Unjoni Ewropea allokat lill-Fondi jkun implimentat fi ħdan il-qafas tal-ġestjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-Kum-missjoni. Fi ħdan dan il-qafas, id-deċiżjoni finali għas-selezzjoni tal-proġetti taqa' taħt ir-respon-sabbiltà tal-Istati Membri, li għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula huma konformi mad-doku-menti ta' programmar 2007-2013 adottati mill-Kum-missjoni u li jkunu wkoll konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE (pereż. l-UWWTD). Il-Kummissjoni tqis li jekk ma jkunux ġew sottomessi/approvati applikazzjoni ta' proġetti għal xi agglomerazzjonijiet ikbar dan jista' jkun minħabba l-fatt li ma ġewx ikkunsidrati "maturi" biżżejjed li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla applikati (pereż. il-maturità teknika/prontezza li tiġi implimentata).

**43**
Inġenerali, il-produzzjoni ewlenija/komuni kif ukoll indikaturi speċifiċi għall-programm u għall-produzzjoni huma stipulati għall-programmi kollha 2007-2013 u l-miri tagħhom tipikament jir-riflettu t-tipi appoġġati ta' interventi (indikatur ta' produzzjoni) jew l-għan mistenni li jirreleata mal-benefiċjarji potenzjali (indikatur tar-riżultat).

**44**
Il-Kummissjoni tagħraf li xi indikaturi tal-mira jista' jkun li ma jkunux sodisfatti sal-għeluq (tmiem l-2015). Tkun xi tkun is-sitwazzjoni, l-ilħiq tal-indika-turi tal-mira jvarja bejn SM u ieħor, u f'kull każ jista' jkun soġġett għal rieżami fl-għeluq peress li l-biċċa l-kbira tal-proġetti ta' trattament tal-ilma mormi ġew kuntrattati biss fl-2014.

**49**
Il-Kummissjoni tqis li l-fatt li l-Istati Membri jistipulaw limiti ta' konċentrazzjoni iktar stretti mill-UWWTD ma jwassalx neċessarjament għall-bżonn li l-limiti statutorji stipulati fid-Direttiva jiġu rieżaminati. L-Istati Membri huma fil-libertà li jimplimentaw l-UWWTD lil hinn mir-rekwiżiti tagħha. Apparti dan, l-Istati Membri huma wkoll obbligati li jikkonformaw ma' Direttivi relevanti oħrajn[1] fil-qasam tal-protezzjoni/kwalità tal-ilma.

**54**
Il-Kummissjoni nnutat l-istess kwistjoni u nediet studju dwar it-tifwir (ara l-paragrafu 56), li se jippermetti li tinġabar informazzjoni iktar dettaljata dwar it-tifwir fuq livell ta' SM u b'hekk tikseb konklużjonijiet iktar preċiżi dwar dejta relatata.

Il-Kummissjoni diġà indirizzat kwistjoni kbira ta' tniġġis minħabba f'fajd ġewwa Londra u Whitburn, bit-tnedija ta' każ ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (C-301/10, 18 ta' Ottubru 2012). Madankollu, peress li m'hemmx rekwiżiti konkreti rigward it-tifwir fil-UWWTD, li sempliċiment tgħid "l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu fuq il-miżuri li bihom jillimitaw... tifwir" (l-Anness I A), il-Kummissjoni l-ewwel għandha bżonn tiġbor l-evidenza dwar it-tipi ta' miżuri mħaddma fuq livell ta' SM, l-effettività u l-applikazzjoni prattika tagħhom, qabel ma tkun kapaċi tindirizza t-tniġġiż mit-tifwir b'mod sistematiku fuq livell ta' UE.

## Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 55 u 56

Il-Kummissjoni tqis li l-istudju msemmi fil-paragrafu 56 se jippermetti li ssir valutazzjoni iktar fil-fond tas-sitwazzjoni f'kull SM, li bħalissa mhijiex possibbli. Abbażi tal-konklużjonijiet, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tinvestiga dawk l-Istati Membri li fihom tkun sabet li l-ġestjoni ħażina tat-tifwir tista' ġġib problemi ta' tniġġis minn ilma mormi mhux trattat.

1 B'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u d-Direttivi derivati tagħha dwar l-Ilma tal-Pjan (id-Direttiva 2006/118/KE) u dwar is-Sustanzi ta' Prijorità (id-Direttiva EQS 2008/105/KE), u, fost l-oħrajn, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (id-Direttiva 98/83/KE), id-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm (id-Direttiva 2006/7/KE), id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE), id-Direttiva dwar il-Ħabitats (92/43/KEE) (b'mod partikolari l-Artikolu 6), u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 (partikolarment l-Anness II.A.6).

**58**
Il-Kummissjoni tissottolinja li l-Istati Membri għandhom obbligu jiżguraw li t-tnixxija tal-ilma industrijali mormi għal ġo sistemi ta' ġbir u impjanti tat-trattament tal-ilma mormi ikunu konformi mal-Artikolu 11 u l-Anness I.C. tal-UWWTD, filwaqt li provvedimenti dettaljati marbutin mal-limiti ta' konċentrazzjoni huma governati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

**64**
Il-Kummissjoni tenfasizza li huma l-Istati Membri li jiddeċiedu kif jikkontrollaw it-tnixxija minn istallazzjonijiet industijali.

**65**
Il-UWWTD ma jistipula l-ebda speċifikazzjoni dwar id-dimensjonijiet tal-impjanti. L-Artikolu 4 jirrekjedi biss li t-tagħbija tiġi kkalkulata abbażi tat-tagħbija massima medja ta' kull ġimgħa li tidħol fl-impjant matul is-sena. Għalhekk, huwa għall-Istati Membri li jiddeċiedu fuq id-dimensjonijiet tal-impjanti.

Mingħajr ma jiġi eskluż il-fatt li l-proġetti jista' jkun li kienu ikbar milli meħtieġ meta sar l-awditu, il-Kummissjoni tqis li l-apprezzament u d-deċiżjoni finali dwar il-qies u d-disinn eżatt ta' WWTP għandu jqis standards "state of the art", kif ukoll numru ta' parametri fattwali u ipotetiċi kumplessi.

B'mod ġenerali, id-daqs tal-impjanti jista' jkun determinati minn bosta fatturi, inkluż marġni ta' sigurtà biex ikunu konformi mal-UWWTD f'kull ħin, biex ilaħħaq ma' attivitajiet/varjazzjonijiet staġjonali bħalma huma t-turiżmu, attivitajiet industrijali jew fluss qawwi ta' ilma tax-xita, u proviżjoni għall-konnessjoni futura ta' lokalitajiet, iż-żieda fil-popolazzjoni, eċċ.

Sa mill-2007, l-involviment tal-istruttura JASPERS (Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) kellu bħala għan li jgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tal-applikazzjonijiet għal proġetti maġġuri, inklużi l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, qabel ma jiġu mressqa għal finanzjament permezz ta' għotjiet skont il-Fondi.

**67**
Il-kost tat-tnaqqis tal-ilma ċar għandu jiġi eżaminat, minħabba li tnaqqis kbir jista' jkun għali ħafna. Meta s-sehem ta' ilma ċar fil-fluss 'il ġewwa jkun għoli, għandu jiġi eżaminat kif għandu jitnaqqas b'mod li huwa kosteffiċjenti.

**67 It-tieni inċiż**
Il-Kummissjoni taqbel li din tista' tkun għażla f'każijiet fejn hija sostnuta minn analiżi tal-kosti u l-benefiċċji xierqa li tqabbel il-kost mistenni tar-renovazzjoni mal-benefiċċji mistennija.

**71 L-ewwel inċiż**
Il-Kummissjoni tqis li l-kost tat-trattament tal-ħama jiddependi fuq it-tip ta' trattament li jintagħżel minn naħa, u fuq id-destinazzjoni aħħarija tal-ħama mill-impjant min-naħa l-oħra.

**71 It-tielet inċiż**
Il-Kummissjoni tappoġġja l-parametraġġ referenzjarju biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-utilitajiet tal-ilma. Fir-risposta tagħha għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Right2Water (COM(2014)177 finali) il-Kummissjoni impenjat ruħha lejn azzjoni biex tiġi esplorata l-idea tal-parametraġġ referenzjarju tal-kwalità u s-servizzi tal-ilma, u organizzat laqgħa ma' bosta partijiet ikkonċernati f'Settembru 2014. Dan id-djalogu enfasizza li t-terminu "parametraġġ referenzjarju" huwa użat f'sens wiesa'. Għandha ssir distinzjoni ċara bejn iż-żieda fit-trasparenza bħala għan fid-dawl tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini u l-parametraġġ referenzjarju bħala għodda ta' ġestjoni tal-appoġġ. Fl-aħħar sens, il-parametraġġ referenzjarju huwa ddisinjat għall-utilitajiet u n-netwerk tal-parametraġġ referenzjarju li jippermettu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni permezz ta' tqabbil ta' entitajiet simili li fihom sett ta' dejta u indikaturi kumplessi. Ir-rwol tal-Kummissjoni f'dan l-eżerċizzju madankollu huwa limitat biex jiffaċilita d-djalogu dwar l-iskambju tal-aħjar prassi.

**76**
Bi prinċipju, il-Kummissjoni taqbel li l-ħama m'għandux jinżamm fuq is-sit u li għandu jiġi evakwat, fil-futur pjuttost qarib, lejn destinazzjoni aħħarija.

**83**
Il-Kummissjoni qed tirrefletti dwar reviżjoni tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti 2003/2003. Waħda mill-għażliet li qed jiġu kkunsidrati hija li jiġu stabbiliti valuri limitu għall-metall tqil legalment vinkolanti u li possibilment ikopru l-ħama tad-dranaġġ li tilħaq dawn ir-rekwiżiti għall-kwalitajiet fertilizzanti tagħha, f'Regolament dwar il-Fertilizzanti rivedut.

**84**
F'dan l-istadju, il-Kummisjoni mhix qed tippjana li tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, u l-ewwel beħsiebha tiddeċieidi rigward reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni futura dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ.

**87**
Il-Kummissjoni taqbel li iktar u iktar studji qegħdin juru l-impatt tal-mikroplastiċi fl-ilmijiet friski u marini, u l-ilma mormi jista' jkun emittent.

**88**
Il-Kummissjoni qiegħda tirrefletti dwar jekk tipproponix Regolament dwar il-Fertilizzanti revedut fl-2015 (ara wkoll il-paragrafi 83 u 84).

**95**
Il-Kummissjoni tgħid li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Artikolu 9) tirrekjedi l-iżgurar ta' kontribuzzjoni adegwata tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-kosti tas-servizzi tal-ilma sal-2010.

**97**
Il-Kummissjoni tqis ukoll li hemm riskju li l-operaturi tal-impjanti mhumiex qegħdin jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa għal raġunijiet ta' profitabbiltà. Madankollu, fin-nuqqas ta' qafas legali speċifiku, l-effettività tal-operaturi taqa' fl-ambitu tal-Istati Membri.

**98**
Il-Kummissjoni tqis li sistema ta' ħlas mhijiex biss importanti mill-perspettiva tal-kontribuzzjoni FEŻR imma wkoll mixtieqa għas-sostenibilita' finanzjarja tal-operazzjoni fuq terminu twil. L-effetti ta' diżinċentiv tal-prinċipju ta' rkupru tal-kosti applikat s'issa se jitjiebu sostanzjalment peress li l-benefiċarji potenzjali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 mhux neċessarjament jeħtieġu li jagħmlu analiżi tal-kosti u l-benefiċċji biex jiddeterminaw id-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti tagħhom imma perċentwal fuq id-dħul fuq rata fissa ta' 25 % jista' jiġi applikat.

**99**
Jekk l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw ir-rata fissa ta' 25 %, b'konformità mal-Artikolu 61(3a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-Kummissjoni jkollha fil-fatt topera fi ħdan il-limiti ta' dan il-qafas legali.

**Tweġiba komuni għal paragrafi 101 sa 105**
Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 98.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**106**
Il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' assorbiment baxxa fi tmiem l-2014 tista' tkun pereżempju minħabba l-bżonn li jissaħħu l-kapaċitajiet tekniċi, legali u amministrattivi fl-erba' Stati Membri kkonċernati, il-fatt li l-pagamenti għall-biċċa l-kbira tal-proġetti ġeneralment isiru fl-aħħar snin implimentattivi (jiġifieri 2014 u 2015) minħabba li d-data ta' tmiem tal-eliġibbiltà hija tmiem l-2015.

Il-Kummissjoni taqbel li sistema ta' ħlas xierqa mhijiex biss importanti mill-perspettiva tal-kontribuzzjoni FEŻR imma wkoll mixtieqa għas-sostenibilita' finanzjarja tal-infrastruttura tad-drenaġġ kofinanzjata. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013, l-effetti potenzjali ta' diżinċentiv tal-prinċipju tal-irkupru tal-kosti huma mistennija li jitnaqqsu gradwalment, minħabba li l-Istati Membri huma meħtieġa li jissodisfaw il-Kundizzjonalità *Ex-ante* 6.1 billi jipprovdu evidenza li l-provizjonijiet tal-irkupru tal-kost tal-ilma stipulati fl-Artikolu 9 tad-WFD jiġu osservati meta l-infrastruttura tal-ilma tkun kofinanzjata mill-Fondi.

Il-Kummissjoni tinnota s-sejba tal-Qorti li kważi terz tal-impjanti eżaminati huma ikbar milli meħtieġ. Irreferi wkoll għar-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 65.

**107 It-tielet inċiż**
Rigward it-tnaqqis fl-agglomerazzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li s-segwitu tal-evoluzzjoni fin-numru ta' e.p. huwa iktar sinifikanti mit-tibdil fin-numru ta' agglomerazzjonijiet. Il-Kummisjoni se tagħmel segwitu fuq is-sitwazzjoni Rumena taħt il-qafas tal-programm pilota SIIF (ara r-risposti tal-Kummissjoni għall-paragrafi 28 u 29).

Il-Kummissjoni tqis li hi tiġbor l-informazzjoni neċessarja u adegwata skont il-UWWTD u tista' titlob, b'żieda, informazzjoni skont id-WFD għal għanijiet speċifiċi (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 30 u 31).

### 108

Il-Kummissjoni tgħid li l-proċess huwa twil minħabba l-għadd ta' agglomerazzjonijiet ikkonċernati madwar l-UE kollha. Madankollu, l-għodda ta' rapportar SIIF għandha ttejjeb il-proċess ta' rapportar fuq livell nazzjonali.

Skont it-tmien eżerċizzju ta' rapportar tal-UWWTD, il-Kummissjoni talbet is-settijiet ta' dejta tal-2011 u l-2012.

### Ir-Rakkomandazzjoni 1 (a)

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni bħalissa m'għandhiex l-intenzjoni li żżid l-isforz ta' rapportar skont l-UWWTD fir-rigward ta' agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. li għandhom sistemi ta' ġbir fis-seħħ. Madankollu, skont il-WFD, il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jagħtu tagħrif dwar korpi tal-ilma soġġetti għal pressjonijiet sinifikanti minn ilma urban mormi (irrispettivament mid-daqs tal-agglomerazzjonijiet) u l-miżuri li jsiru biex jintlaħaq status ekoloġiku u kimiku tajjeb.

### Ir-Rakkomandazzjoni 1 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni bħalissa m'għandhiex l-intenzjoni li tintroduċi verifka sistematika rigward in-numru ta' agglomerazzjonijiet taħt l-2000 e.p. permezz tal-eżerċizzi regolari ta' rapportar skont l-Artikoli 15 u 17 tal-UWWTD. Madankollu, il-Kummissjoni se tagħmel segwitu f'każijiet fejn tibdiliet sinifikanti jkunu ġew mgħarrfa lilha jew identifikati permezz ta' mezzi oħra, bħalma huwa l-programm pilota "Qafas Strutturat ta' Implimentazzjoni u Informazzjoni".

### Ir-Rakkomandazzjoni 1 (c)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li hi diġà implimentata f'agglomerazzjonijiet bi 'l fuq minn 2 000 e.p. F'dawk l-agglomerazzjonijiet, id-Direttiva dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi tiddisponi li sistemi ta' ġbir jew sistemi individwali jew xierqa jkunu fis-seħħ.

### Ir-Rakkomandazzjoni 1 (d)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Id-distakk ta' żmien bejn is-sena bażi mitluba u l-ħruġ tar-rapport tal-Kummissjoni huwa dovut għal bosta fatturi ta' proċessar u legali differenti, kemm fil-livelli ta' Stati Membri u l-Kummissjoni (eż. il-proċessi interni tal-Istati Membri, il-kontroll ta' kwalità tad-dejta pprovduta, in-numru ta' agglomerazzjonijiet ikkonċernati, il-prijoritizzazzjoni, eċċ.). Il-Kummissjoni tqis li s-sistemi attwali ta' rapportar tal-Istati Membri ma jippermettux skadenzi ta' rapportar iktar bikrin, għalkemm din tkun ħaġa mixtieqa peress li s-sistemi nazzjonali jittardjaw iż-żmien ta' rapportar tal-Kummissjoni stess. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem biex ittejjeb iż-żmien ta' rapportar tagħha stess u li tiġbor iktar dejta reċenti mill-Istati Membri billi tiżviluppa proġett pilota li jinvolvi numru magħżul ta' Stati Membri, l-hekk imsejħa għodda ta' rapportar SIIF.

### Ir-Rakkomandazzjoni 1 (e)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni, indipendentement minn dan l-awditu, se tniedi rieżami wiesa' tal-obbligi ta' rapportar taħt il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE fil-qafas tal-aġenda "Regolamentazzjoni Aħjar" tagħha[2].

2 COM(2015)215 finali. Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE tad-19/05/2015.

### 109

Il-Kummissjoni tagħraf ukoll li hemm riskji ta' deimpenn fuq livell ta' programm skont l-Artiklu 93 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 għall-erba' Stati Membri eżaminati. Xi wħud mir-raġunijiet ewlenin għat-tardjar fl-implimentazzjoni huma spjegati fir-risposti tal-Kummissjoni għal paragrafi 38 u 106.

Sabiex jistabu modi biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-programmi kkonċernati u riskju ta' deimpenn jiġi indirizzat, fi tmiem l-2014 twaqqfet task force dwar l-implimentazzjoni li tiffoka, fost l-oħrajn, li taċċellera l-implimentazzjoni fl-erba' Stati Membri kkonċernati.

Ukoll, sabiex tiġi żgurata l-finalizzazzjoni bla intoppi ta' numru ta' proġetti, il-Kummissjoni pproponiet modifika tal-linji gwida tal-programmi dwar it-tmiem li għandhom l-għan li jintroduċu iktar flessibilità f'ċerti oqsma, inkluż il-"fażar" tal-proġetti mhux mitmuma mill-2016 'il quddiem (irreferi wkoll għar-risposta tal-Kummissjoni għal paragrafu 40).

### 110

L-objettivi ewlenin tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huma li jitnaqqas id-distakk bejn il-livelli ta' żvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni tal-UE u mhux neċessarjament li jikkontribwixxu biex jiġu onorati l-iskadenzi tal-UWWTD, li ta' dan huma responsabbli l-Istati Membri kkonċernati, u dan independentement mil-livell tal-Fondi allokati. Billi jsir dan il-kontribuzzjoni FEŻR/FK tista' fil-fatt ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet kollha fil-qasam tal-infrastruttura tad-drenaġġi biex jintlaħqu l-iskadenzi tal-UWWTD.

### Ir-Rakkomandazzjoni 2 (a)

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Fir-rigward ta' agglomerazzjonijiet ta' iktar minn 2000 e.p., din hija diġà implimentata għax tali rekwiżit huwa diġà fis-seħħ skont l-Artikolu 17 tal-UWWTD. Ir-rapportar ta' Artikolu 17 huwa intiż li jirrikonċilja l-bżonn li jkun hemm rapportar mal-progress fl-implimentazzjoni tal-UWWTD. Tali informazzjoni ssir disponibbli u aġġornata mill-Istati Membri kull sentejn fil-każ ta' tibdiliet, skontl-Artikolu 17 tal-UWWTD. Barra minn hekk, permezz tal-mudell il-ġdid ta' rapportar (adottat mad-Deċiżjoni 2014/431/UE tas-26.6.14), l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, inkluża informazzjoni dwar investimenti mbassra, użu relatat ta' fondi u skadenzi rigward kull proġett irrapportat. Wieħed mill-għanijiet tal-programm pilota SIIF huwa li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku.

Rigward l-agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2000 e.p., il-Kummissjoni tqis li tali obbligu jżid l-isforz ta' rapportar iktar milli dovut, u jista' jwassal għal nuqqas ta' preċiżjoni fid-dejta rrapportata mill-Istati Membri. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda obbligu ta' rapportar għal dawn l-agglomerazzjonijiet skont il-UWWTD.

### Ir-Rakkomandazzjoni 2 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-programmi 2014-2020 jiffukaw l-iktar fuq agglomerazzjonijiet ta' iktar minn 2000 e.p. Dan huwa wkoll l-objettiv tal-obbligi ta' rapportar inċiżi fl-Artikolu 17 tal-UWWTD (ara wkoll ir-risposta ta' fuq punt (a)).

### 111

Il-Kummissjoni tqis li huwa l-kompitu tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq il-permessi għall-impjanti.

114
Il-UWWTD ma jirregolax id-daqs tal-impjanti, apparti mill-obbligu ġenerali skont l-Artikolu 4. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnota li din it-tip ta' infrastruttura għandha ħajja twila u huwa diffiċli li d-daqs xieraq tagħhom ikun valutat biss fuq terminu ta' żmien qasir. B'mod ġenerali, id-daqs tal-impjanti jista' jiġi determinat minn bosta fatturi bħal marġni ta' sigurtà biex ikun konformi mal-UWWTD fit-tul, li jlaħħaq ma attivitajiet/varjazzjonijiet staġjonali bħalma huma t-turiżmu, it-tifrigħ tal-ilma tax-xita qawwija, jew bħala proviżjon għal konnessjonijiet futuri possibbli minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni (ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għal paragrafu 65).

## Ir-Rakkomandazzjoni 3 (a)
Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni. Għallissa l-Kummissjoni m'għandhiex l-intenzjoni li tvara valutazzjoni ta' kemm huma xierqa l-limiti ta' konċentrazzjoni fil-UWWTD, u lanqas li tagħmel rieżami tad-Direttiva fil-futur qarib.

## Ir-Rakkomandazzjoni 3 (b)
Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Meta kienet qed tħejji l-komunikazzjoni tagħha dwar l-ispezzjonijiet ambjentali fl-2012, il-Kummissjoni vvalutat b'mod wiesa' r-regoli, l-kontrolli u l-verifiki marbutin mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. Filwaqt li dan ix-xogħol indika li ftit kien hemm informazzjoni disponibbli dwar il-kapaċitajiet tar-reġimi ta' spezzjoni ġewwa bosta Stati Membri u li l-użu tas-sanzjonijiet kellu tendenza jvarja[3]; il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-tip, l-għadd u l-frekwenza tal-verifiki u spezzjonijiet l-aħjar li jiġu indirizzati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri abbażi tar-riskju. Fir-rigward ta' multi, qegħdin isiru verifiki ta' konformità fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni tal-Istati Membri użata biex tagħti effett lid-Direttiva 2008/99/KE[4] li, fost l-oħrajn, tipprovdi għal sanzjonijiet fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi għall-iktar ksur serju tal-liġi ambjentali, inklużi dawk relevanti għad-Direttiva 91/271/KEE (UWWTD).

3 http://ec.europa.eu/environment/legal/law/pdf/Final%20report%20inspections.pdf

4 Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28-37).

## Ir-Rakkomandazzjoni 3 (c)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se teżamina din il-possibiltà fid-dawl tar-riżultati tal-istudju relevanti varat m'ilux.

## Ir-Rakkomandazzjoni 3 (d)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Qorti.

B'konformità mar-Regolament għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-Kummissjoni se tibbaża fuq valutazzjonijiet ta' esperti indipendenti (inkluż JASPERS) biex tiżgura li l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi ikunu ta' daqs kif suppost. Madankollu, huma l-Istati Membri li jiddeċiedu ssirx analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

## Ir-Rakkomandazzjoni 3 (e)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li m'hemmx obbligi legali imposti fuq l-Istati Membri li japplikaw il-prattiki eżistenti jew li jieħdu sehem f'eżerċizzji ta' parametraġġ referenzjarju (ara wkoll ir-Risposta tal-Kummissjoni għal paragrafu 71).

116
Il-Kummissjoni tqis li r-rimi f'miżbla jew il-ħżin fuq tul ta' żmien tal-ħama tad-dranaġġ fir-Rumanija mhuwiex sostenibbli u m'għandux jiġi aċċettat fi proġetti kofinanzjati.

117
Il-Kummissjoni qed tirrefletti dwar reviżjoni tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti 2003/2003. Waħda mill-għażliet li qed jiġu kkunsidrati hija li jiġu stabbiliti valuri limitu għall-metall tqil legalment vinkolanti u li possibilment ikopru l-ħama tad-dranaġġ li tilħaq dawn ir-rekwiżiti għall-kwalitajiet fertilizzanti tagħha, f'Regolament dwar il-Fertilizzanti rivedut.

### Ir-Rakkomandazzjoni 4 (a)
Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni sistematikament tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu t-trattament xieraq tal-ħama fis-suġġett fiżiku tal-applikazzjonijiet għall-proġetti maġġuri mressqin għall-finanzjament skont il-Fondi. Madankollu, fi ħdan il-qafas legali eżistenti l-Kummissjoni ma tistax timponi din il-prattika fuq l-Istati Membri għax l-Istati Membri m'għandhom l-ebda obbligu li jorbtu l-pagamenti finali tal-programmi mal-eżistenza ta' soluzzjoni xierqa biex il-ħama tad-drenaġġ jerġa' jiġi użat.

### Ir-Rakkomandazzjoni 4 (b)
Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. F'dan l-istadju, il-Kummisjoni mhix qed tippjana li tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, u l-ewwel beħsiebha tiddeċiedi rigward reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-Fertilizzanti qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni futura dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ.

### 118
Il-Kummissjoni tgħid li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Artikolu 9) tirrekjedi l-iżgurar ta' kontribuzzjoni adegwata tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-kosti tas-servizzi tal-ilma sal-2010.

Il-Kummissjoni tqis li sistema ta' ħlas mhijiex biss importanti mill-perspettiva tal-kontribuzzjoni FEŻR imma wkoll mixtieqa għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-operazzjoni fuq terminu twil. L-effetti ta' diżinċentiv tal-prinċipju ta' rkupru tal-kosti applikat s'issa se jitjiebu sostanzjalment peress li l-benefiċarji potenzjali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 mhux neċessarjament jeħtieġu li jagħmlu analiżi tal-kosti u l-benefiċċji biex jiddeterminaw id-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti tagħhom imma perċentwal fuq id-dħul fuq rata fissa ta' 25 % jista' jiġi applikat.

### Ir-Rakkomandazzjoni 5 (a)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-Istati Membri huma meħtieġa li jimplimentaw politika tat-tariffi tal-ilma xierqa permezz tal-Art. 9.1 tal-WFD u l-kondizzjonalità *ex ante* 6.1 tal-Anness XI tas-CPR 1303/2013.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li minħabba n-natura multidimensjonali tal-valuri tal-ilma u l-fatt li l-proporzjon ta' affordabilità ta' 4% huwa indikattiv, l-istipular tal-proporzjon finali huwa fl-ambitu tal-Istati Membri.

### Ir-Rakkomandazzjoni 5 (b)
Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Fin-nuqqas ta' qafas legali speċifiku, ir-responsabbiltà li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fondi għall-manutenzjoni u t-tiġdid taqa' fl-ambitu tas-sidien u/jew l-operaturi tal-infrastruttura tas-sistema ta' drenaġġi, għalhekk fl-ambitu tal-Istati Membri.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

L-ilma mormi u l-ħama tad-drenaġġ jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-ilmijiet u tal-ħamrija. B'rispons għal dan, l-UE adottat Direttivi u kkofinanzjat il-bini ta' sistemi ta' ġbir u ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi.
Il-Qorti ċċekkjat l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi f'erba' Stati Membri tal-baċin tax-Xmara Danubju. Hija eżaminat ukoll kampjun ta' 28 impjant tat-trattament, biex tara kif dawn ittrattaw l-ilma mormi, ittrattaw il-ħama tad-drenaġġ u żguraw is-sostenibbiltà finanzjarja.
Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar ir-rappurtar, dwar modi kif jiġu mtejba l-effettività, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà ta' impjanti tat-trattament, dwar ir-rilevanza tal-limiti ta' konċentrazzjoni, dwar l-użu tal-ħama tad-drenaġġ u dwar il-monitoraġġ ta' materjali li jniġġsu fil-ħama.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet